**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2023/0265(COD)**

24.11.2023

# EMENDI
# 51 - 304

**Abbozz ta' rapport**
**Isabel García Muñoz**
(PE754.850v01-00)

Emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali

Proposta għal direttiva
(COM(2023)0445 – C9-0306/2023 – 2023/0265(COD))

AM_Com_LegReport

**Emenda 51**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Billi jiġu ssimplifikati u ċċarati r-regoli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi tqal tat-trasport bit-triq, jeħtieġ jiġu indirizzati l-ineffiċjenzi fl-enerġija u operazzjonali tal-operazzjonijiet tat-trasport transfruntier, jingħataw inċentivi qawwija lill-operaturi biex jużaw it-teknoloġiji bl-emissjonijiet żero, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-użu tas-soluzzjonijiet eżistenti għall-iffrankar tal-enerġija, u jiġu appoġġati aktar l-operazzjonijiet tat-trasport intermodali tal-merkanzija. Biex jonqsu kemm jista' jkun il-piżijiet amministrattivi, tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni ***u*** jonqsu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u l-ħsara tal-infrastruttura tat-toroq, jenħtieġ li ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-użu tal-vetturi itqal u itwal jiġu armonizzati u jenħtieġ li jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli fis-seħħ. | (3) Billi jiġu ssimplifikati u ċċarati r-regoli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi tqal tat-trasport bit-triq, jeħtieġ jiġu indirizzati l-ineffiċjenzi fl-enerġija u operazzjonali tal-operazzjonijiet tat-trasport transfruntier, jingħataw inċentivi qawwija lill-operaturi biex jużaw it-teknoloġiji bl-emissjonijiet żero, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-użu tas-soluzzjonijiet eżistenti għall-iffrankar tal-enerġija, u jiġu appoġġati aktar l-operazzjonijiet tat-trasport intermodali tal-merkanzija. Biex jonqsu kemm jista' jkun il-piżijiet amministrattivi, tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni***,*** jonqsu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u l-ħsara tal-infrastruttura tat-toroq***, u jiġi evitat iċ-ċaqliq modali bil-maqlub***, jenħtieġ li ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-użu tal-vetturi itqal u itwal jiġu armonizzati u jenħtieġ li jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli fis-seħħ. |

Or. en

**Emenda 52**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen, Ondřej Kovařík**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jenħtieġ li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-effiċjenza ekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-infrastruttura tat-toroq u l-aspetti tas-sikurezza fit-toroq. | (4) Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jenħtieġ li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-effiċjenza ekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-infrastruttura tat-toroq u l-aspetti tas-sikurezza fit-toroq. ***Barra minn hekk, biex jiġu żgurati l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***koerenza leġiżlattiva u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun allinjata kemm jista' jkun mill-qrib mar-Regolament dwar l-istandards tas-CO2 għal vetturi tqal u d-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat.*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Henna Virkkunen, Petri Sarvamaa**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jenħtieġ li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-effiċjenza ekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-infrastruttura tat-toroq u l-aspetti tas-sikurezza fit-toroq. | (4) Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jenħtieġ li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-effiċjenza ekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-infrastruttura tat-toroq u l-aspetti tas-sikurezza fit-toroq. ***Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-konsistenza, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun allinjata mar-Regolament dwar l-istandards tas-CO2 għal vetturi tqal u d-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat.*** |

Or. en

**Emenda 54**
**Roman Haider**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/UE jikkumplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE[41] fir-rigward tal-promozzjoni u l-appoġġ tat-tkabbir tat-trasport intermodali. Għalhekk, id-definizzjoni ta' operazzjoni tat-trasport intermodali jenħtieġ li tiġi allinjata mat- | (6) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/UE jikkumplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE[41] fir-rigward tal-promozzjoni u l-appoġġ tat-tkabbir tat-trasport intermodali. Għalhekk, id-definizzjoni ta' operazzjoni tat-trasport intermodali jenħtieġ li tiġi allinjata mat- |

| | |
|---|---|
| terminoloġija applikata fid-Direttiva 92/106/KEE biex it-trakkijiet, it-trejlers u s-semitrejlers li jintużaw fl-operazzjonijiet intermodali jkunu jistgħu jgawdu l-istess kwoti tal-piż addizzjonali bħall-vetturi tat-triq li jġorru kontejners jew kaxxi skambjabbli u li jintużaw fit-trasport intermodali fil-kontejners. Dan l-inċentiv tal-piż jenħtieġ li jħeġġeġ lill-operaturi tat-trasport bit-triq jinvolvu ruħhom ukoll fit-trasport intermodali mhux bil-kontejners. | terminoloġija applikata fid-Direttiva 92/106/KEE biex it-trakkijiet, it-trejlers u s-semitrejlers li jintużaw fl-operazzjonijiet intermodali jkunu jistgħu jgawdu l-istess kwoti tal-piż addizzjonali bħall-vetturi tat-triq li jġorru kontejners jew kaxxi skambjabbli u li jintużaw fit-trasport intermodali fil-kontejners. Dan l-inċentiv tal-piż jenħtieġ li jħeġġeġ lill-operaturi tat-trasport bit-triq jinvolvu ruħhom ukoll fit-trasport intermodali ***kkombinat*** mhux bil-kontejners. |
| [41] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta’ Diċembru 1992 dwar li jiġu stabiliti regoli komuni għal ċerti tipi ta’ ġarr ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38). | [41] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta’ Diċembru 1992 dwar li jiġu stabiliti regoli komuni għal ċerti tipi ta’ ġarr ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38). |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn modi differenti ta’ traffiku huma l-uniku mod biex jintlaħaq mod aktar effiċjenti għat-trasport ta’ volumi dejjem jiżdiedu ta’ merkanzija u biex jinkiseb tqassim modali effettiv, peress li l-ktajjen tat-trasport multimodali bbażati fuq il-ferrovija huma l-aktar mod effiċjenti u sostenibbli għat-trasport tal-merkanzija.*

**Emenda 55**
**Ciarán Cuffe**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/UE jikkumplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE[41] fir-rigward tal-promozzjoni u l-appoġġ tat-tkabbir tat-trasport intermodali. Għalhekk, id-definizzjoni ta’ operazzjoni tat-trasport intermodali jenħtieġ li tiġi allinjata mat-terminoloġija applikata fid-Direttiva 92/106/KEE biex it-trakkijiet, it-trejlers u | (6) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/UE jikkumplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE[41] fir-rigward tal-promozzjoni u l-appoġġ tat-tkabbir tat-trasport intermodali. Għalhekk, id-definizzjoni ta’ operazzjoni tat-trasport intermodali jenħtieġ li tiġi allinjata mat-terminoloġija applikata fid-Direttiva 92/106/KEE biex it-trakkijiet, it-trejlers u |

| | |
|---|---|
| s-semitrejlers li jintużaw fl-operazzjonijiet intermodali jkunu jistgħu jgawdu l-istess kwoti tal-piż addizzjonali bħall-vetturi tat-triq li jġorru kontejners jew kaxxi skambjabbli u li jintużaw fit-trasport intermodali fil-kontejners. Dan l-inċentiv tal-piż jenħtieġ li jħeġġeġ lill-operaturi tat-trasport bit-triq jinvolvu ruħhom ukoll ***fit-trasport intermodali*** mhux bil-kontejners. | s-semitrejlers li jintużaw fl-operazzjonijiet intermodali jkunu jistgħu jgawdu l-istess kwoti tal-piż addizzjonali bħall-vetturi tat-triq li jġorru kontejners jew kaxxi skambjabbli u li jintużaw fit-trasport intermodali fil-kontejners. Dan l-inċentiv tal-piż jenħtieġ li jħeġġeġ lill-operaturi tat-trasport bit-triq jinvolvu ruħhom ukoll ***f'operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat*** mhux bil-kontejners. |
| [41] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar li jiġu stabiliti regoli komuni għal ċerti tipi ta' ġarr ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38). | [41] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar li jiġu stabiliti regoli komuni għal ċerti tipi ta' ġarr ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38). |

Or. en

**Emenda 56**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/UE jikkumplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE[41] fir-rigward tal-promozzjoni u l-appoġġ tat-tkabbir tat-trasport intermodali. Għalhekk, id-definizzjoni ta' operazzjoni tat-trasport intermodali jenħtieġ li tiġi allinjata mat-terminoloġija applikata fid-Direttiva 92/106/KEE biex it-trakkijiet, it-trejlers u s-semitrejlers li jintużaw fl-operazzjonijiet intermodali jkunu jistgħu jgawdu l-istess kwoti tal-piż addizzjonali bħall-vetturi tat-triq li jġorru kontejners jew kaxxi skambjabbli u li jintużaw fit-trasport intermodali fil-kontejners. Dan l-inċentiv tal-piż jenħtieġ li jħeġġeġ lill-operaturi tat-trasport bit-triq jinvolvu ruħhom ukoll fit-trasport ***intermodali*** mhux bil-kontejners. | (6) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/UE jikkumplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE[41] fir-rigward tal-promozzjoni u l-appoġġ tat-tkabbir tat-trasport intermodali. Għalhekk, id-definizzjoni ta' operazzjoni tat-trasport intermodali jenħtieġ li tiġi allinjata mat-terminoloġija applikata fid-Direttiva 92/106/KEE biex it-trakkijiet, it-trejlers u s-semitrejlers li jintużaw fl-operazzjonijiet intermodali jkunu jistgħu jgawdu l-istess kwoti tal-piż addizzjonali bħall-vetturi tat-triq li jġorru kontejners jew kaxxi skambjabbli u li jintużaw fit-trasport intermodali fil-kontejners. Dan l-inċentiv tal-piż jenħtieġ li jħeġġeġ lill-operaturi tat-trasport bit-triq jinvolvu ruħhom ukoll fit-trasport ***ikkombinat*** mhux bil-kontejners. |

[41] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar li jiġu stabiliti regoli komuni għal ċerti tipi ta' ġarr ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

[41] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar li jiġu stabiliti regoli komuni għal ċerti tipi ta' ġarr ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

Or. en

**Emenda 57**
**Colm Markey**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' approvazzjoni simplifikati għal vetturi speċjalizzati ta' darba biex jippermettulhom ikunu kummerċjalment vijabbli.*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Kosma Złotowski**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija pežanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l- | (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija pežanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l- |

| | |
|---|---|
| armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi. | armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi ***li tkun disponibbli bil-biċċa l-kbira tal-lingwi rappreżentattivi tal-UE u aċċessibbli b'mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni***. |

Or. pl

**Emenda 59**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti | (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti |

| | |
|---|---|
| maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi. | maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi ***li tkun disponibbli bl-aktar lingwi rappreżentattivi tal-UE u aċċessibbli b'mezzi ta' komunikazzjoni elettronika***. |

Or. en

**Emenda 60**
**Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat- | (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat- |

| | |
|---|---|
| Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi. | Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi ***li tkun disponibbli bl-aktar lingwi rappreżentattivi tal-UE u aċċessibbli b'mezzi ta' komunikazzjoni elettronika***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Illum il-ġurnata ħafna Stati Membri joffru permessi biss bil-lingwa nazzjonali tagħhom stess. Għalhekk, l-isfidi marbuta mat-traduzzjoni huma parti mill-ħajja ta' kuljum għall-kumpaniji tat-trasport li joperaw f'dan is-settur fl-UE kollha. Dan huwa piż burokratiku bla bżonn.*

**Emenda 61**
**Markus Ferber, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli | (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli |

| | |
|---|---|
| hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi. | hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi ***li tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE u aċċessibbli faċilment b'mezzi ta' komunikazzjoni elettronika***. |

Or. en

**Emenda 62**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi. | (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ftit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ***mill-qrib*** bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn ***hu l-aktar*** possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi ***li tkun disponibbli b'mezzi ta' komunikazzjoni elettronika***. |

Or. en

**Emenda 63**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-operaturi anormali tat-trasport bit-triq jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw proċedura ta' awtorizzazzjoni simplifikata biex joperaw f'kurituri anormali tat-trasport bit-triq. Dawn il-kurituri jenħtieġ li jgħaqqdu b'mod effettiv iċ-ċentri industrijali Ewropej u ċ-ċentri tal-loġistika ċentrali bħall-portijiet. Il-ħolqien ta' kurituri bħal dawn, fost affarijiet oħra, jippromwovi l-espansjoni tal-enerġiji rinnovabbli, peress li l-espansjoni tal-parks eoliċi b'mod partikolari tirrikjedi trasport anormali. Dawn il-kurituri jenħtieġ li jsegwu n-network tat-toroq trans-Ewropew u jkunu bbażati fuq in-network tat-toroq, bankini, pontijiet u strutturi speċifiċi oħra tat-toroq li jitqiesu xierqa għat-trasport ta' trasport anormali. L-informazzjoni dwar il-kurituri jenħtieġ li tkun disponibbli pubblikament għall-operaturi u partijiet ikkonċernati oħra. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar l-aċċessibbiltà tal-kurituri għal trasport bit-triq anormali, eż. permezz ta' rapporti tat-traffiku dwar xogħlijiet fit-toroq li għaddejjin, diżastri naturali u densità tat-traffiku.*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) ***intużaw u ġew ipprovati għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjieb l-effiċjenza*** | (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS)***, imsejħa b'mod komuni "gigaliners" jew "monster trucks", huma normalment trakkijiet itwal u itqal b'mod*** |

***ekonomika u enerġetika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-saħħa tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l-interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. Fl-istess ħin, biex joktru l-impatti soċjoekonomiċi u ambjentali pożittivi tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma diment li jkunu konformi mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-EMS stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-inqas limitu komuni tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri***. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali ***u internazzjonali,*** inkluż l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS u dwar ***partijiet*** tan-network tat-toroq kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi***,*** u l-monitoraġġ tal-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, ***kif ukoll*** l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali.

***sinifikanti minn vetturi tqal standard oħrajn. Ir-riċerka turi li hemm riskji ta' sikurezza assoċjati ma' trakkijiet itwal u itqal, b'mod partikolari f'ħabtiet fejn il-probabbiltà ta' mewt jew korriment serju hija ħafna ogħla meta mqabbla ma' trakkijiet iqsar u eħfef, filwaqt li hemm ukoll diffikultajiet fejn jidħlu l-viżibbiltà, il-parkeġġ u s-sorpass. Jista' jkun hemm ukoll effetti ta' mġiba negattiva mhux esplorati biżżejjed ta' bidla għal trakkijiet itwal u itqal minħabba li r-riskju akbar reali u perċepit jiskoraġġixxi lill-utenti vulnerabbli tat-triq bħaċ-ċiklisti milli jużaw l-infrastruttura fejn dawn il-vetturi jkunu preżenti. Minħabba li l-EMS ħafna drabi jkunu ħafna itqal u itwal minn trakkijiet standard, il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika wkoll il-kostijiet sostanzjali marbuta mal-ħtieġa li li jsiru adattament u manutenzjoni ta' toroq, pontijiet, mini, parkeġġi u kostijiet oħra ta' manutenzjoni assoċjati. L-EMS jippreżentaw ukoll theddida għal forom oħra aktar sostenibbli ta' trasport tal-merkanzija mhux bit-triq bħall-ferroviji u l-modi fuq l-ilma minħabba l-potenzjal akbar tat-tagħbija u dan imbagħad jista' jwassal għal ċaqliq modali bil-maqlub***. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li ***għalhekk*** jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali***. Dawn jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet biex tiġi evitata l-kompetizzjoni ma' modi oħra ta' trasport aktar sostenibbli*** inkluż ***it-trasport bil-ferrovija u fuq l-ilma; miżuri ta' sikurezza bħal taħriġ imtejjeb tas-sewwieqa u twissijiet għal kundizzjonijiet perikolużi tat-temp; kopertura tal-kostijiet għall-infrastruttura tat-toroq;*** l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS u dwar ***il-partijiet*** tan-network tat-toroq kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi***;*** u l-monitoraġġ tal-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, ***u***

| | |
|---|---|
| | ***fuq*** l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu imposti wkoll rekwiżiti biex jiġi limitat l-użu tagħhom għal ċerti toroq u għal operazzjonijiet intermodali u, minn ċerta data, li tali vetturi jkunu b'emissjonijiet żero. Minħabba r-riskji msemmija hawn fuq assoċjati mal-awtorizzazzjoni ta' vetturi itqal u itwal, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa li jissottomettu talba motivata lill-Kummissjoni qabel ma jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni ta' tali vetturi, u jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa jekk ikunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet qabel ma tagħti awtorizzazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS.*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Roman Haider**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovati għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjieb l-effiċjenza ekonomika u enerġetika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-saħħa tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l-interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. ***Fl-istess ħin, biex joktru l-impatti soċjoekonomiċi*** | (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovati għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjieb l-effiċjenza ekonomika u enerġetika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-saħħa tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l-interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat- |

***u ambjentali pożittivi tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma diment li jkunu konformi mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-EMS stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-inqas limitu komuni tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri.*** Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali ***u internazzjonali***, inkluż l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS u dwar partijiet tan-network tat-toroq kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi, u l-monitoraġġ tal-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali.

trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali, inkluż l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS u dwar partijiet tan-network tat-toroq kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi, u l-monitoraġġ tal-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Given the fact that some of the terminals are not able to accommodate these vehicles, and due to the increasing importance of handling costs as road freight becomes more cost-efficient, combined transport will lose market share.In addition to their impact on modal shift huge trucks are a danger to the safety of all road users and an enormous cost driver.If 60-ton long trucks were permitted, additional costs of 4.8 billion euros would be incurred for bridge construction on the highway and expressway network in Austria alone, and another 600 million euros for restraint systems, tunnel safety and ancillary facilities. For 48-ton long trucks, the additional costs would be 160 million euro, and for 44-ton long trucks, 80 million euro.*

**Emenda 93**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovati għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjieb l-effiċjenza ekonomika u enerġetika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-saħħa tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l-interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. Fl-istess ħin, biex joktru l-impatti soċjoekonomiċi u ambjentali pożittivi tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma diment li jkunu konformi mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-EMS stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-inqas limitu komuni tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali, inkluż l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS u dwar partijiet tan-network tat-toroq | (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovati għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjieb l-effiċjenza ekonomika u enerġetika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-saħħa tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l-interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. Fl-istess ħin, biex joktru l-impatti soċjoekonomiċi u ambjentali pożittivi tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma diment li jkunu konformi mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-EMS stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-inqas limitu komuni tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali, inkluż l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS u dwar partijiet tan-network tat-toroq |

| | |
|---|---|
| kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi, u l-monitoraġġ tal-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali. | kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi, u l-monitoraġġ tal-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali. ***Ħames snin wara l-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn id-dekarbonizzazzjoni fis-settur tat-trasport bit-triq f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza d-data miġbura mis-Sistemi Modulari Ewropej involuti fit-traffiku internazzjonali u tqis, jekk ikun xieraq, objettivi ta' emissjonijiet żero għall-vetturi tal-EMS.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett tal-EMS huwa introdott fid-direttiva f'din ir-reviżjoni għall-ewwel darba. Sabiex ikun hemm fehim komprensiv tal-impatt ta' dawn il-vetturi, għandu jkun hemm biżżejjed żmien għall-monitoraġġ u l-ġbir tad-data. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tqis objettivi ta' emissjonijiet żero għall-vetturi tal-EMS ħames snin wara l-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni.*

**Emenda 67**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovati għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjieb l-effiċjenza ekonomika u enerġetika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-saħħa tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l- | (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovati għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjieb l-effiċjenza ekonomika u enerġetika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-saħħa tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l- |

| | |
|---|---|
| interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. Fl-istess ħin, biex joktru l-impatti soċjoekonomiċi u ambjentali pożittivi tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma diment li jkunu konformi mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-EMS stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-inqas limitu komuni tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali, inkluż l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS u dwar partijiet tan-network tat-toroq kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi, u l-monitoraġġ tal-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali. | interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS ***u kombinazzjonijiet oħra ta' vetturi ta' kapaċità għolja*** fit-territorji tagħhom. Fl-istess ħin, biex joktru l-impatti soċjoekonomiċi u ambjentali pożittivi tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi ***kif ukoll kombinazzjonijiet tal-vetturi li jiddevjaw mill-Anness I*** fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma diment li jkunu konformi mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-EMS ***jew kombinazzjonijiet oħra ta' vetturi ta' kapaċità għolja*** stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS ***jew kombinazzjonijiet oħra ta' vetturi ta' kapaċità għolja*** użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-inqas limitu komuni tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali, inkluż l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS u dwar partijiet tan-network tat-toroq kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi, u l-monitoraġġ tal-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali. |

Or. en

**Emenda 68**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) It-trasportaturi tal-vetturi ***b'korpi*** miftuħa għandhom potenzjal limitat ħafna li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom b'ajrudinamika aħjar. Regoli nazzjonali ***diverġenti*** dwar ***l-isporġenza*** tax-tagħbijiet fuq it-trasportaturi tal-vetturi jikkawżaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jillimitaw ġmielu l-potenzjal tagħhom li jtejbu l-effiċjenza operazzjonali u l-prestazzjoni tal-enerġija fit-traffiku internazzjonali. Għalhekk, ir-regoli dwar ***l-isporġenza*** tat-tagħbijiet tat-trasportaturi tal-vetturi ***b'korpi miftuħa*** jeħtieġ jiġu armonizzati biex ikun żgurat li dawn l-objettivi jintlaħqu kif suppost. | (14) It-trasportaturi tal-vetturi***, li ħafna minnhom għandhom korpi*** miftuħa***,*** għandhom potenzjal limitat ħafna li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom b'ajrudinamika aħjar. ***Ħafna*** regoli nazzjonali ***differenti*** dwar ***l-użu tal-isporġenza tat-tagħbijiet*** fuq it-trasportaturi tal-vetturi jikkawżaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jillimitaw ġmielu l-potenzjal tagħhom li jtejbu l-effiċjenza operazzjonali u l-prestazzjoni tal-enerġija fit-traffiku internazzjonali. Għalhekk, ir-regoli dwar ***l-użu tal-isporġenza*** tat-tagħbijiet tat-trasportaturi tal-vetturi jeħtieġ jiġu armonizzati biex ikun żgurat li dawn l- |

objettivi jintlaħqu kif suppost.

Or. en

**Emenda 88**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Il-vetturi ġodda tal-passiġġieri qed isiru dejjem usa', xprunati minn żieda fil-bejgħ ta' Vetturi Utilitarji Sportivi (SUVs) akbar. Il-liġi tal-UE bħalissa tapplika limitu legali wieħed (255 cm) biex tiġi rregolata l-wisa' tat-tipi kollha ta' vetturi ġodda. Dan l-approċċ ta' universalità segwit sal-lum qed jippermetti li l-wisa' medja tal-karozzi u tat-trakkijiet pick-up tiżdied malajr biex tilħaq il-limitu ta' wisa' ta' 255 cm, b'għadd ta' SUVs kbar u mudelli ta' trakkijiet pick-up li diġà għandhom wiesgħa ta' 200-215 cm. Id-daqs akbar tal-vetturi joħloq problemi partikolari mill-perspettiva tas-sikurezza fit-toroq, l-ambjent u l-infrastruttura tat-toroq, minħabba li l-utenti vulnerabbli tat-toroq jitpoġġew f'riskju akbar għas-sikurezza, huma meħtieġa aktar materjali għall-kostruzzjoni tal-vetturi, l-emissjonijiet tal-iżbokk tal-egżost u ż-żieda fil-konsum tal-enerġija u piż akbar ipoġġu aktar stress fuq l-infrastruttura tat-toroq. Għalhekk, il-limitu legali fil-wisa' tal-kategoriji tal-vetturi M1 u N1 jenħtieġ li jitbaxxa permezz ta' emenda għar-Regolament 2019/2144, filwaqt li jipprovdi wkoll biżżejjed żmien ta' introduzzjoni għall-manifatturi, b'mod partikolari dawk ta' vetturi b'emissjonijiet żero.*** |

Or. en

**Emenda 89**
**Mario Furore**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Il-vetturi tqal b'kabini elongati bdew deħlin fis-suq, flimkien ma' sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero. Meta jintużaw sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero, skont xi tkun it-teknoloġija, ikun hemm bżonn spazju addizzjonali li ma jingħaddx għad-detriment tat-tagħbija effettiva tal-vettura, biex b'hekk is-settur tat-trasport bit-triq bl-emissjonijiet żero ma jiġix penalizzat mil-lat ekonomiku. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-eċċess fit-tulijiet massimi previsti għall-kabini elongati jista' jkun tali li jipprovdi l-ispazju meħtieġ biex tiġi akkomodata teknoloġija bl-emissjonijiet żero, bħal batteriji u tankijiet tal-idroġenu, diment li l-karatteristiċi tas-sikurezza, tal-effiċjenza u tal-kumdità tal-kabini ajrudinamiċi ma jiġux ipperikolati. | (15) Il-vetturi tqal b'kabini elongati bdew deħlin fis-suq, flimkien ma' sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero. Meta jintużaw sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero, skont xi tkun it-teknoloġija, ikun hemm bżonn spazju addizzjonali li ma jingħaddx għad-detriment tat-tagħbija effettiva tal-vettura, biex b'hekk is-settur tat-trasport bit-triq bl-emissjonijiet żero ma jiġix penalizzat mil-lat ekonomiku. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-eċċess fit-tulijiet massimi previsti għall-kabini elongati jista' jkun tali li jipprovdi l-ispazju meħtieġ biex tiġi akkomodata teknoloġija bl-emissjonijiet żero, bħal batteriji u tankijiet tal-idroġenu, diment li l-karatteristiċi tas-sikurezza, tal-effiċjenza u tal-kumdità tal-kabini ajrudinamiċi ma jiġux ipperikolati. ***B'mod partikolari, meta applikabbli, is-servizzi sanitarji jridu jkunu dejjem garantiti u ma jistgħux jitneħħew biex jippermettu li jiġu akkomodati teknoloġiji b'emissjonijiet żero.*** |

Or. it

**Emenda 90**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Sabiex jiġi żgurat li l-kapaċità tat-*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***trasport intermodali li jikkoopera u jikkompeti mat-trasport bit-triq ma tkunx imfixkla minn nuqqas ta' kompatibbiltà bejn it-trasport bit-triq u l-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li vetturi ġodda u kombinazzjonijiet ta' vetturi ġodda jkunu kompatibbli mill-aspett tekniku u operazzjonali mar-rekwiżiti ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni temenda l-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u tindirizza, fost affarijiet oħra, il-piż, il-forma, id-daqs, il-krejnabbiltà, ir-reżistenza għall-forzi tal-ajru tal-ferroviji, u r-ritrattabbiltà u t-tiwi tal-apparati li jisporġu 'l barra fil-każ ta' karrijiet ġodda.*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali ***m'huma*** addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali, u piż addizzjonali fuq il-fusien. Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar se jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vvjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. ***Għalhekk, biex jingħataw inċentivi*** | (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali ***ma huma*** addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali, u piż addizzjonali fuq il-fusien. Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar se jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vvjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. |

***addizzjonali għall-adozzjoni tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, għall-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku, u għat-tagħmir tal-vetturi b'ajrudinamika aħjar, jenħtieġ li l-kwoti tal-piż addizzjonali jinfatmu mill-piż tat-teknoloġija bl-emissjonijiet żero.***

Or. en

**Emenda 92**
**Roman Haider**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali ***m'huma*** addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali, u piż addizzjonali fuq il-fusien. Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar se jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vvjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. ***Għalhekk, biex jingħataw inċentivi addizzjonali għall-adozzjoni tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, għall-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku, u għat-tagħmir tal-vetturi b'ajrudinamika aħjar, jenħtieġ li l-kwoti tal-piż addizzjonali jinfatmu mill-piż tat-teknoloġija bl-emissjonijiet żero.*** | (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali ***ma huma*** addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali ***ta' sewqan alternattiv*** tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali, u piż addizzjonali fuq il-fusien ***sal-piż tas-sewqan alternattiv iżda mhux aktar mill-valuri ddikjarati fl-Anness I, 2.2.2***. Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar se jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vvjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Rail transport in general and single wagon transport in particular are characterized by a very low economic threshold, which in turn means that they are very sensitive to even small volume reductions. Across all corridors and at 44t/25.25m LHV, volume reductions of more than 30% are found in single wagon transport and of more than 13% in combined transport. The impact of the allowance of additional transport volume on road would have an irreversible impact on the modal shift. In order to reduce the already higher external costs of road transport as much as possible compared to more ecological rail transport and to minimize the effects of heavy-duty vehicles on the road infrastructure, the extra weight allowances should be linked to the weight of the respective alternative drive.*

**Emenda 93**
**Elsi Katainen, Ondřej Kovařík**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali ***m'huma*** addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali***, u piż addizzjonali fuq il-fusien***. Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar se jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vvjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. Għalhekk, biex jingħataw inċentivi addizzjonali għall-adozzjoni tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, għall-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku, u għat-tagħmir tal-vetturi b'ajrudinamika aħjar, jenħtieġ li l-kwoti tal-piż addizzjonali jinfatmu mill-piż tat-teknoloġija bl-emissjonijiet żero. | (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali ***ma huma*** addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali. ***Madankollu, jenħtieġ li dan isir mingħajr ma jiżdiedu l-piżijiet fuq il-fusien biex tiġi evitata żieda esponenzjali fid-deterjorament tat-triq.*** Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar se jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vvjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. Għalhekk, biex jingħataw inċentivi addizzjonali għall-adozzjoni tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, għall-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku, u għat-tagħmir tal-vetturi b'ajrudinamika aħjar, jenħtieġ li l-kwoti tal-piż addizzjonali jinfatmu mill-piż tat-teknoloġija bl-emissjonijiet żero. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kwota ta' piż addizzjonali għal vetturi b'emissjonijiet żero se tinċentiva l-użu tagħhom u hija meħtieġa wkoll biex tindirizza t-teknoloġiji itqal użati. Madankollu, iż-żieda fil-piżijiet fuq il-fusien iżżid id-deterjorament tat-triq b'mod esponenzjali. Biex jiġi evitat dan, dawn it-trakkijiet għandhom jagħżlu li jżidu aktar fusien jew jadottaw soluzzjonijiet tekniċi oħra u b'hekk iżommu l-piżijiet tal-fusien aktar baxxi, li jnaqqas id-deterjorament tat-triq u l-ħsara lill-infrastruttura.*

**Emenda 94**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali ***m'huma*** addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi ***bl-emissjonijiet żero***, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali, u piż addizzjonali fuq il-fusien. Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar se jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vvjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. Għalhekk, biex jingħataw inċentivi addizzjonali għall-adozzjoni tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, għall-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku, u għat-tagħmir tal-vetturi b'ajrudinamika aħjar, jenħtieġ li l-kwoti tal-piż addizzjonali jinfatmu mill-piż tat-teknoloġija bl-emissjonijiet żero. | (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali ***ma huma*** addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi ***inkluża vettura bil-mutur b'emissjonijiet żero***, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali, u piż addizzjonali fuq il-fusien. Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar se jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vvjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. Għalhekk, biex jingħataw inċentivi addizzjonali għall-adozzjoni tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, għall-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku, u għat-tagħmir tal-vetturi b'ajrudinamika aħjar, jenħtieġ li l-kwoti tal-piż addizzjonali jinfatmu mill-piż tat-teknoloġija bl-emissjonijiet żero. |

Or. en

**Emenda 95**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Il-vetturi elettriċi tal-batterija, il-vetturi mgħammrin b'ċellola tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu għandhom potenzjal qawwi li jiddekarbonizzaw ċerti segmenti tas-settur tat-trasport tqil u l-iżvilupp tagħhom jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ, filwaqt li jitqies il-fatt li kull teknoloġija tħalli impatt fuq l-ambjent. Meta l-elettrifikazzjoni ma tkunx possibbli jew inqas effiċjenti u l-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu ma jkunux xierqa jew kompetittivi f'termini ta' kostijiet, il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika jippermetti li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ma' teknoloġiji oħra li jkunu aktar maturi.*** |

Or. en

**Emenda 96**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi | (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi |

| | |
|---|---|
| mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. | mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. ***Sistemi awtomatiċi ċċertifikati jenħtieġ li jkunu kapaċi jagħrfu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jaqbżu l-piżijiet massimi awtorizzati u jkollhom deroga bbażata fuq permess speċjali jew arranġament simili. Dan se jevita penali mhux ġustifikati u jiffranka l-kostijiet amministrattivi kemm għall-operaturi kif ukoll għall-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen, Ondřej Kovařík**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw | (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw |

bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl.

bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. ***Is-sistema stabbilita fl-Istati Membri rispettivi, jekk teknikament possibbli, jenħtieġ li tirrikonoxxi piżijiet jew dimensjonijiet permessi addizzjonali għal trasport anormali jekk ikun inħareġ permess validu, biex jiġu evitati multi mhux ġustifikati għal dawn it-trasporti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-trasporti anormali jaqbżu l-limiti tal-piż standard. Jekk is-sistemi awtomatiċi ma jirrikonoxxux direttament il-permessi tat-trasport anormali, l-operaturi tat-trasport anormali jistgħu jiġu mmultati b'mod inġust. Speċjalment għall-operaturi barranin, ir-rettifika ta' din it-tip ta' multa hija diffiċli u tieħu ħafna ħin. Dan joħloq prattiki inġusti fis-suq uniku bejn l-Istati Membri u għalhekk is-sistemi stabbiliti għandhom jirrikonoxxu permessi anormali tat-trasport.*

**Emenda 98**
**Kosma Złotowski**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat- | (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat- |

| | |
|---|---|
| triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. | triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. ***Is-sistema implimentata jenħtieġ li tirrikonoxxi d-drittijiet tat-trasport mhux standard meta jkun ħareġ permess validu, sabiex jiġu evitati penali mhux ġustifikati għat-trasportaturi li jkunu wettqu tali operazzjonijiet ta' trasport.*** |

Or. pl

**Emenda 99**
**Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat- | (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat- |

trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl.

trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. ***Is-sistema eżistenti jenħtieġ li tirrikonoxxi permessi għal trasport eċċezzjonali jekk ikun inħareġ permess validu sabiex jiġu evitati multi mhux ġustifikati għal dawn it-trasporti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mingħajr rikonoxximent dirett ta' permessi tat-trasport anormali mis-sistemi awtomatiċi, l-operaturi tat-trasport anormali jiġu mmultati b'mod żbaljat talli jkunu qabżu l-limiti normali tal-piż. Jekk ikun operatur barrani, il-korrezzjoni tal-multa hija diffiċli u tieħu ħafna ħin. Dan huwa żvantaġġ kompetittiv għall-operaturi barranin.*

**Emenda 100**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is- | (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is- |

| | |
|---|---|
| sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ***inkluż għadd xieraq ta'*** kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. | sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ***inklużi*** kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiegħed rekwiżit fuq il-vetturi u l-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jġorru abbord tagħmir tal-użin li huwa konness mat-takografi abbord, sabiex jgħin fl-infurzar.*** |

Or. en

**Emenda 101**
**Markus Ferber, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit- | (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit- |

| | |
|---|---|
| territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. | territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. ***Is-sistema stabbilita jenħtieġ li tirrikonoxxi piżijiet jew dimensjonijiet permessi addizzjonali għal trasport anormali jekk ikun inħareġ permess validu sabiex jiġu evitati multi mhux ġustifikati għal tali trasporti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mingħajr rikonoxximent dirett ta' permessi tat-trasport anormali mis-sistemi awtomatiċi, l-operaturi tat-trasport anormali jiġu mmultati peress li jaqbżu l-limiti standard tal-piż.*

**Emenda 102**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' | (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' |

| | |
|---|---|
| applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. | applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl. ***Is-sistema stabbilita jenħtieġ li tirrikonoxxi piżijiet jew dimensjonijiet permessi addizzjonali għal trasport anormali jekk ikun inħareġ permess validu sabiex jiġu evitati multi mhux ġustifikati għal tali trasporti.*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Il-kundizzjonijiet qafas għas-sewwieqa tat-trakkijiet fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom jeħtieġ li jittejbu b'mod urġenti. In-nuqqas ta' spazji għall-parkeġġ tat-trakkijiet fl-UE jżid mad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa tat-trakkijiet u jalimenta n-nuqqas ta' sewwieqa. Biex tiġġieled il-konsegwenzi ta' dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa kunċetti ta' vetturi li jagħmlu lis-sewwieqa aktar indipendenti mit-tagħmir tal-kumdità mill-ispazji għall-parkeġġ u tipprevedi l-installazzjoni ta' faċilitajiet sanitarji fil-vetturi, riflessi fid-dimensjonijiet tal-vetturi.*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, it-trasport bil-kontejners jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi jkun permess għoli addizzjonali għall-vetturi tat-triq ħalli jġorru kontejners b'kubatura għolja.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, it-trasport bil-kontejners jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi jkun permess għoli addizzjonali għall-vetturi tat-triq ħalli jġorru kontejners b'kubatura għolja. | (19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, it-trasport bil-kontejners jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi jkun permess għoli addizzjonali għall-vetturi tat-triq ħalli jġorru kontejners b'kubatura għolja ***u billi jinħolqu l-kundizzjonijiet qafas meħtieġa għall-infrastruttura tat-toroq u tal-ferrovija biex tittrasporta dawn l-unitajiet***. |

Or. en

**Emenda 106**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, it-trasport bil-kontejners jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi jkun permess għoli addizzjonali għall-vetturi tat-triq ħalli jġorru kontejners | (19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, ***b'mod partikolari flimkien mat-trasport ferrovjarju,*** it-trasport bil-kontejners jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi jkun |

| | |
|---|---|
| b'kubatura għolja. | permess għoli addizzjonali għall-vetturi tat-triq ħalli jġorru kontejners b'kubatura għolja. |

Or. en

**Emenda 107**
**Roman Haider**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, it-trasport bil-kontejners jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi ***jkun permess għoli addizzjonali għall-vetturi tat-triq ħalli jġorru kontejners b'kubatura għolja***. | (19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, it-trasport bil-kontejners jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi ***jinħolqu l-kundizzjonijiet qafas meħtieġa għall-infrastruttura tat-toroq u tal-ferrovija biex tittrasporta dawn l-unitajiet***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hija meħtieġa faċilitazzjoni ta' kontejners b'kubatura għolja biex jitrawwem it-trasport ikkombinat, iżda l-użu tagħhom tirrikjedi l-adattament tal-infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq pereżempju t-tnedija sħiħa tal-gauge tat-tagħbija P400.*

**Emenda 108**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Minħabba l-isforzi li saru biex jiġi ffaċilitat it-trasport ikkombinat skont l-objettivi taċ-ċaqliq modali, l-għoli massimu tal-vetturi tat-triq jenħtieġ li ma jiġix modifikat, b'mod partikolari minħabba l-applikazzjoni tal-istandard P400 għall-infrastruttura ferrovjarja.*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(21) Biex is-settur tat-trasport bit-triq ikun jista' jirrispondi malajr għal xi kriżi, bħal diżastri naturali, pandemiji, kunflitti militari jew fallimenti fl-infrastruttura, hemm bżonn tiddaħħal klawżola ta' emerġenza fid-Direttiva 96/53/KE, li temporanjament tippermetti ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tqal li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi permessi, biex ikun żgurat il-forniment kontinwu tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa. Jenħtieġ li tali klawżola eċċezzjonali tiġi applikata biss meta l-interess pubbliku jkun jeħtieġha, u diment li s-sikurezza fit-toroq ma tiġix b'hekk ipperikolata.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 110**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Il-vetturi tas-Sistema Modulari Ewropea għadhom relattivament ġodda fl-UE, minkejja li diġà qed jintużaw f'xi Stati Membri. Sabiex jiġu utilizzati l-għarfien miksub mill-monitoraġġ u l-ġbir tad-data, kif ukoll biex jaqsmu l-esperjenzi u jiskambjaw l-għarfien dwar il-vetturi tal-EMS bejn Stati Membri*** |

| | |
|---|---|
| | ***differenti, jenħtieġ li jitwaqqaf Forum tal-Aħjar Prattiki tal-EMS, li għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-vetturi tal-EMS qed jintużaw f'xi Stati Membri iżda mhux f'oħrajn. Hekk kif jiżdiedu ċ-ċirkolazzjoni u l-ġbir tad-data dwar il-vetturi tal-EMS, ikun ta' benefiċċju li jinħolqu opportunitajiet għall-Istati Membri biex jaqsmu l-esperjenzi, l-għarfien u l-aħjar prattiki fejn jidħlu vetturi tal-EMS fil-forma ta' Forum tal-Aħjar Prattiki tal-EMS.*

**Emenda 111**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formola tal-applikazzjoni standard u komuni u tarmonizza r-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi jew arranġamenti simili għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi u li jkunu maħsuba biex iġorru tagħbijiet indiviżibbli, tistabbilixxi format tar-rapportar standard għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar tagħhom***, u tistabbilixxi eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet użati fit-traffiku internazzjonali bejn l-Istati Membri affettwati minn kriżi***. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45]. | (23) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formola tal-applikazzjoni standard u komuni u tarmonizza r-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi jew arranġamenti simili għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi u li jkunu maħsuba biex iġorru tagħbijiet indiviżibbli, ***u*** tistabbilixxi format tar-rapportar standard għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar tagħhom. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45]. |

[45] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[45] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

**Emenda 112**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formola tal-applikazzjoni standard u komuni u tarmonizza r-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi jew arranġamenti simili għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi u li jkunu maħsuba biex iġorru tagħbijiet indiviżibbli, tistabbilixxi format tar-rapportar standard għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar tagħhom, u tistabbilixxi eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet użati fit-traffiku internazzjonali bejn l-Istati Membri affettwati minn kriżi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45]. | (23) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formola tal-applikazzjoni standard u komuni ***tal-UE*** u tarmonizza r-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi jew arranġamenti simili għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi u li jkunu maħsuba biex iġorru tagħbijiet indiviżibbli, tistabbilixxi format tar-rapportar standard għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar tagħhom, u tistabbilixxi eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet użati fit-traffiku internazzjonali bejn l-Istati Membri affettwati minn kriżi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45]. |

[45] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-

[45] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-

prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

**Emenda 113**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – it-tieni inċiż

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — "trejler" għandha tfisser vettura ***kif definit fl-Artikolu 3(17) tar-Regolament (UE) 2018/858***,; | — "trejler" għandha tfisser ***kwalunkwe*** vettura ***mhux awtopropulsiva, li hija ddisinjata u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-magna u tinkludi semitrejlers. Madankollu, it-trejler jista' jiġi mbuttat biex isostni l-moviment mingħajr ma jiġu applikati forzi ta' propulsjoni meta ma jkunx akkoppjat ma' vettura tal-irmonk.***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Irid jiġi żgurat li l-operaturi tat-trasport interessati li jinvestu f'vetturi bil-magna, trejlers u semitrejlers b'emissjonijiet żero jew aktar effiċjenti fl-enerġija jistgħu jagħmlu dan mingħajr xkiel minn flussi legali. Il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għadha ma tiffaċilitax l-approvazzjoni tat-tip ta' trejlers u semitrejlers b'sistema ta' propulsjoni awżiljarja. Dan huwa ostaklu serju ħafna għall-adozzjoni u l-użu tagħhom fis-suq.*

**Emenda 114**
**Carlo Fidanza**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – inċiż ġdid

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***tiddaħħal id-definizzjoni li ġejja:*** |
| | ***– "teknoloġija ta' trejler elettroniku" tfisser teknoloġija mfassla biex tappoġġa tagħmir awżiljarju ta' karru, b'mod partikolari unità ta' refriġerazzjoni tat-trasport, li tista' tinkludi fus elettroniku b'ibbrejkjar riġenerattiv u sistema ta' pakkett ta' batteriji għall-ħżin tal-elettriku ġġenerat mill-fus elettroniku jew riċevuti minn sors awżiljarju.*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – it-tielet inċiż

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| — "semitrejler" għandha tfisser vettura ***kif definit fl-Artikolu 3(33) tar-Regolament (UE) 2018/858***,; | — "semitrejler" għandha tfisser vettura ***li tista' tiġi rmunkata, fejn il-fus(ien) huwa/huma ppożizzjonat(i) wara ċ-ċentru tal-gravità tal-vettura (meta tkun mgħobbija b'mod uniformi) u li tkun mgħammra b'apparat ta' konnessjoni li jippermetti l-forzi vertikali jew orizzontali jiġu trażmessi lejn il-vettura tal-irmonk. Wieħed jew aktar mill-fusien jistgħu jinstaqu biex isostnu l-vettura tal-irmonk, u kontribut għall-forzi tal-propulsjoni tal-kombinazzjoni tal-vettura huwa permess fil-veloċitajiet kollha. Biex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-kombinazzjoni tal-vettura, il-forzi tal-propulsjoni tas-semitrejler ma għandhomx jaqbżu dawk tal-vettura tal-irmonk f'veloċitajiet ogħla minn 15 km/h.***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Irid jiġi żgurat li l-operaturi tat-trasport interessati li jinvestu f'vetturi bil-magna, trejlers u semitrejlers b'emissjonijiet żero jew aktar effiċjenti fl-enerġija jistgħu jagħmlu dan mingħajr xkiel minn flussi legali. Il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għadha ma tiffaċilitax l-approvazzjoni tat-tip ta' trejlers u semitrejlers b'sistema ta' propulsjoni awżiljarja. Dan huwa ostaklu serju ħafna għall-adozzjoni u l-użu tagħhom fis-suq.*

**Emenda 116**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – il-ħames inċiż

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — “Sistema Modulari Ewropea” għandha tfisser vettura bil-mutur jew kombinazzjoni ta' vetturi flimkien ma' trejler jew semitrejler wieħed jew aktar fejn il-kombinazzjoni totali tkun taqbeż it-tul massimu awtorizzat u tista' taqbeż il-piżijiet massimi awtorizzati stipulati fl-Anness I u fejn il-vettura bil-mutur individwali, it-trejler(s) u s-semitrejler(s) ma jkunux jaqbżu l-piżijiet jew id-dimensjonijiet stipulati fl-Anness I,; | — “Sistema Modulari Ewropea” għandha tfisser vettura bil-mutur jew kombinazzjoni ta' vetturi flimkien ma' trejler jew semitrejler wieħed jew aktar fejn il-kombinazzjoni totali tkun taqbeż it-tul massimu awtorizzat u tista' taqbeż il-piżijiet massimi awtorizzati stipulati fl-Anness I u fejn il-vettura bil-mutur individwali, it-trejler(s) u s-semitrejler(s) ma jkunux jaqbżu l-piżijiet jew id-dimensjonijiet stipulati fl-Anness I, ***u jkunu kompatibbli mill-aspett tekniku u operazzjonali ma' operazzjonijiet intermodali u tekniki ta' trażbord***; |

Or. en

**Emenda 117**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – il-ħames inċiż

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — "Sistema Modulari Ewropea" għandha tfisser vettura bil-mutur jew kombinazzjoni ta' vetturi flimkien ma' trejler jew semitrejler wieħed jew aktar fejn il-kombinazzjoni totali tkun taqbeż it-tul massimu awtorizzat u tista' taqbeż il-piżijiet massimi awtorizzati stipulati fl-Anness I u fejn il-vettura bil-mutur individwali, it-trejler(s) u s-semitrejler(s) ma jkunux jaqbżu l-piżijiet jew id-dimensjonijiet stipulati fl-Anness I,; | — "Sistema Modulari Ewropea" għandha tfisser vettura bil-mutur jew kombinazzjoni ta' vetturi flimkien ma' trejler jew semitrejler wieħed jew aktar fejn il-kombinazzjoni totali tkun taqbeż it-tul massimu awtorizzat u tista' taqbeż il-piżijiet massimi awtorizzati stipulati fl-Anness I u fejn il-vettura bil-mutur individwali, it-trejler(s) u s-semitrejler(s) ma jkunux jaqbżu l-piżijiet jew id-dimensjonijiet stipulati fl-Anness I, ***u jkunu kompatibbli mill-aspett tekniku ma' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat***; |

Or. en

**Emenda 118**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ca (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – inċiż ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) id-definizzjoni li ġejja tiddaħħal wara d-definizzjoni ta' "vettura kkundizzjonata":*** |
| | ***"— "Trasport mhux f'kontejners" għandha tfisser trasport ta' oġġetti jew merkanzija mgħobbija, ittrasportata, u maħtuta individwalment, fi kwantità, jew bl-użu ta' metodi speċjalizzati oħra, mingħajr l-użu ta' kontenituri tat-tbaħħir standard";*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt cb (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – inċiż ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) id-definizzjoni li ġejja tiddaħħal wara d-definizzjoni ta' "vettura kkundizzjonata":*** |
| | ***"— "Vettura b'korp miftuħ" għandha tfisser vettura li għandha żona tal-merkanzija miftuħa jew sodda mingħajr kompartiment tal-merkanzija magħluq jew mgħotti totalment."*** |

Or. en

**Emenda 120**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt cc (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – inċiż ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cc) id-definizzjoni li ġejja tiddaħħal wara d-definizzjoni ta' "vettura kkundizzjonata":*** |
| | ***"— "Sporġenza ta' tagħbijiet" għandha tfisser sitwazzjoni li fiha parti minn tagħbija fuq vettura testendi lil hinn mil-limiti legali jew awtorizzati tal-vettura, inkluż it-tul, il-wisa' jew l-għoli tagħha."*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt da (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – it-tlettax-il inċiż

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) fit-tlettax-il inċiż, id-definizzjoni ta' "fjuwils alternattivi" hija sostitwita b'din li ġejja:*** |
| — "fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils jew sorsi tal-enerġija li jservu***, tal-inqas parzjalment,*** ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport li jikkonsistu minn: | — "fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils jew sorsi tal-enerġija li jservu ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport li jikkonsistu minn: |
| (a) l-elettriku kkunsmat f'kull tip ta' vettura elettrika; | (a) l-elettriku kkunsmat f'kull tip ta' vettura elettrika; |
| (b) l-idroġenu; | (b) l-idroġenu ***rinnovabbli***; |
| ***(c) il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (Gass Naturali Kkompressat — CNG) u f'forma likwifikata (Gass Naturali Likwifikat — LNG);*** | |
| ***(d) il-Gass Likwifikat miż-Żejt (LPG);*** | |
| (e) enerġija mekkanika minn sors abbord/ħażna abbord, inkluża sħana mitlufa, | (e) enerġija mekkanika minn sors abbord/ħażna abbord, inkluża sħana mitlufa, |

Or. en

*Id-Direttiva 96/53/KE*

**Emenda 122**
**Peter Lundgren**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt da (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – it-tlettax-il inċiż

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) fit-tlettax-il inċiż, id-definizzjoni ta' "fjuwils alternattivi" hija sostitwita b'din li ġejja:*** |
| — "fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils jew sorsi tal-enerġija li jservu ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport li jikkonsistu minn: | — "fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils jew sorsi tal-enerġija li jservu ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport li jikkonsistu minn: |
| (a) l-elettriku kkunsmat f'kull tip ta' vettura elettrika; | (a) l-elettriku kkunsmat f'kull tip ta' vettura elettrika; |
| (b) l-idroġenu; | (b) l-idroġenu; |
| (c) il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (Gass Naturali Kkompressat — CNG) u f'forma likwifikata (Gass Naturali Likwifikat — LNG); | (c) il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (Gass Naturali Kkompressat — CNG) u f'forma likwifikata (Gass Naturali Likwifikat — LNG); |
| (d) il-Gass Likwifikat miż-Żejt (LPG); | (d) il-Gass Likwifikat miż-Żejt (LPG); |
| (e) enerġija mekkanika minn sors abbord/ħażna abbord, inkluża sħana mitlufa, | (e) enerġija mekkanika minn sors abbord/ħażna abbord, inkluża sħana mitlufa, |
| | ***(f) fjuwils b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju*** |

Or. en

*Id-Direttiva 96/53/KE*

*Ġustifikazzjoni*

*"Fjuwils b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandhom jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' "fjuwils alternattivi" peress li jistgħu jkunu sors ta' enerġija importanti biex jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-flotta kummerċjali tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bit-triq.*

**Emenda 123**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Ondřej Kovařík**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – l-erbatax-il inċiż

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — “vettura li taħdem b’mod alternattiv” għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858,; | — “vettura li taħdem bi fjuwil alternattiv” għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament ***jew parzjalment*** bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858,; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda treġġa’ lura d-definizzjoni ta’ vettura bi fjuwil alternattiv għat-test fis-seħħ bħalissa, filwaqt li tinnota li din id-direttiva tapplika għall-vetturi kollha li qed joperaw.*

**Emenda 124**
**Marco Campomenosi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e**
Direttiva 95/53/KE
Artikolu 2 – l-erbatax-il inċiż

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — “vettura li taħdem b’mod alternattiv” għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858,; | — “vettura li taħdem bi fjuwil alternattiv” għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament ***jew parzjalment*** bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858,; |

Or. en

**Emenda 125**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – l-erbatax-il inċiż

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — “vettura li taħdem b’mod alternattiv” għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858,; | — “vettura li taħdem bi fjuwil alternattiv” għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament ***jew parzjalment*** bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858,; |

Or. en

**Emenda 126**
**Marco Campomenosi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ea (ġdid)**Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – inċiż

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) id-definizzjoni ta’ “vettura b’emissjonijiet żero” hija emendata b’din li ġejja:*** |
| | ***“*** |
| “vettura mingħajr emissjonijiet” tfisser vettura tqila mingħajr emissjonijiet kif definita fil-punt (11) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), | -- “vettura mingħajr emissjonijiet” tfisser vettura ***bil-mutur*** tqila mingħajr emissjonijiet kif definita fil-punt (11) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), |
| | ***“*** |

Or. en*Id-Direttiva 96/53/KE*

**Emenda 127**
**Ciarán Cuffe**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt f**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – il-ħmistax-il inċiż

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "operazzjoni tat-trasport intermodali" għandha tfisser***:*** | "operazzjoni tat-trasport intermodali" għandha tfisser ***l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE***[1b] |
| ***(a)*** l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE | |
| ***(b) operazzjonijiet ta' trasport li jittrasportaw kontenitur jew kontenituri jew kaxxi skambjabbli, sa tul massimu totali ta' 45 pied, li jużaw it-trasport fuq l-ilma, sakemm it-tul inizjali jew finali tat-triq ma jaqbiżx 150 km fit-territorju tal-Unjoni. Id-distanza ta' 150 km imsemmija hawn fuq tista' tinqabeż sabiex jintlaħaq l-eqreb terminal ta' trasport adatt għas-servizz previst fil-każ li:*** | |
| ***(i) vetturi li jikkonformaw mal-punti 2.2.2 (a) jew (b) tal-Anness I; jew*** | |
| ***(ii) vetturi li jikkonformaw mal-punti 2.2.2 (c) jew (d) tal-Anness I, fil-każ li tali distanzi jkunu permessi fl-Istat Membru rilevanti.*** | |
| ***Għall-operazzjonijiet tat-trasport intermodali, l-eqreb terminal ta' trasport adatt li jipprovdi servizz jista' jkun jinsab fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fih il-konsenja ġiet mgħobbija jew maħtuta,*** | |
| __________________ | __________________ |
| [1b] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' prodotti bejn Stati Membri | [1b] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' prodotti bejn Stati Membri |

Or. en

**Emenda 128**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ga (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – inċiż ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) id-definizzjoni li ġejja tiddaħħal wara d-definizzjoni ta' "Pjattaforma eFTI":*** |
| | ***"kostijiet esterni" għandha tfisser il-kostijiet kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE.*** |

Or. en

**Emenda 129**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) fil-paragrafu ***1***, jiżdied il-punt (c) li ġej: | (a) fil-paragrafu ***2***, jiżdied il-punt (c) li ġej: |
| | ***"(c) ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li ma humiex konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I sakemm ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport bit-triq kif definit mill-Artikolu 4.4."*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Erik Bergkvist**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li ***mhumiex*** konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I**.**; | (c) ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li ***ma humiex*** konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I ***bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet transfruntiera b'kombinazzjonijiet ta' vetturi li ma jikkonformawx mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I, sakemm ikun hemm kunsens reċiproku fost l-Istati Membri transfruntiera kkonċernati u dment li dawn l-operazzjonijiet ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport bit-triq kif definit mill-Artikolu 4.4***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Intwera li l-kombinazzjonijiet ta' vetturi ta' kapaċità għolja jikkontribwixxu bil-kbir biex inaqqsu l-konsum tal-fjuwil, l-emissjonijiet, l-għadd ta' trakkijiet fit-toroq u jtaffu l-problema tan-nuqqas ta' sewwieqa fl-UE. Huwa essenzjali li titkompla din il-prattika bejn l-Istati Membri li jagħtu l-kunsens tagħhom peress li xi wħud ma għandhomx il-possibbiltà li jwettqu operazzjonijiet transfruntiera b'xi mod ieħor minħabba pereżempju rekwiżiti ferrovjarji differenti. Operazzjonijiet bħal dawn ilhom isiru għal għexieren ta' snin mingħajr ma jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport.*

**Emenda 131**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ta’ vetturi jew ta’ kombinazzjonijiet ta’ vetturi għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li ***mhumiex*** konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I.; | (c) ta’ vetturi jew ta’ kombinazzjonijiet ta’ vetturi għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li ***ma humiex*** konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I ***bl-eċċezzjoni ta’ operazzjonijiet transfruntiera b’kombinazzjonijiet ta’ vetturi li ma jikkonformawx mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I, sakemm ikun hemm kunsens reċiproku fost l-Istati Membri kkonċernati u dment li dawn l-operazzjonijiet ma jaffettwawx b’mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport bit-triq kif definit mill-Artikolu 4.4***.; |

Or. en

**Emenda 132**
**Rovana Plumb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ta’ vetturi jew ta’ kombinazzjonijiet ta’ vetturi għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li ***mhumiex*** konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I**.**; | (c) ta’ vetturi jew ta’ kombinazzjonijiet ta’ vetturi għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li ***ma humiex*** konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I; ***dawn jenħtieġ li ma jaffettwawx b’mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport bit-triq kif definit mill-Artikolu 4.4;*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – it-tielet subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex ***jarmonizzaw aktar l-iskadenzi tal-ħruġ tal-permessi. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll biex*** jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. ***L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll biex jarmonizzaw aktar id-dehra, il-marki u s-sinjali ta' vetturi ta' skorta u karozzi pilota.*** L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. |
| | ***L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni trasparenti dwar in-network bażiku aċċessibbli għal trasport ta' tagħbija indiviżibbli, meta dan jeżisti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tista' tinkludi aktar elementi biex tiffaċilita l-preparazzjoni ta' trasport ta' tagħbija indiviżibbli nazzjonali u transfruntiera, inkluż għal applikazzjonijiet għal permessi, kontrolli fit-triq, network tat-toroq disponibbli u vetturi ta' skorta. Dan jista' joħloq aktar faċilitazzjoni fl-għoti ta' permessi u l-istabbiliment ta' rotta xierqa għat-trasport ta' tagħbija indiviżibbli nazzjonali u transfruntiera.*

**Emenda 134**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – it-tieni subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura għall-kisba tal-permessi jew ta' arranġamenti simili għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli tkun bla xkiel, effiċjenti u nondiskriminatorja, billi jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi u jevitaw dewmien bla bżonn. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura għall-kisba tal-permessi jew ta' arranġamenti simili għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli tkun bla xkiel, effiċjenti u nondiskriminatorja, billi ***jipprovdu formola ta' applikazzjoni standard komuni tal-UE u billi*** jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi u jevitaw dewmien bla bżonn. |

Or. en

**Emenda 135**
**Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – it-tielet subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, ***u biex*** jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati ***mat-trasport*** tat-tagħbijiet indiviżibbli. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex ***jarmonizzaw aktar l-iskadenzi tal-ħruġ tal-permessi. L-Istati Membri għandhom jaġixxu b'mod konġunt biex*** jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem ***u jarmonizzaw aktar id-dehra, il-marki u s-sinjali ta' vetturi ta' skorta u karozzi pilota***. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati ***mas-sewwieqa tat-trasport*** tat-tagħbijiet indiviżibbli. ***L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni trasparenti dwar in-network bażiku*** |

| | |
|---|---|
| | ***aċċessibbli għal trasport ta' tagħbija indiviżibbli, meta dan jeżisti.*** |

Or. en

**Emenda 136**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – it-tielet subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex ***joħorġu l-permessi jew arranġamenti simili f'format elettroniku kif ukoll biex*** jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. ***L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll biex jarmonizzaw ir-regoli dwar l-użu preskritt, il-marki u s-sinjali għall-vetturi ta' skorta.*** L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. |

Or. en

**Emenda 137**
**Kosma Złotowski**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi ***relatati mat-trasport tat-tagħbijiet*** indiviżibbli. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem, ***u biex jarmonizzaw id-dispożizzjonijiet dwar l-eskortar ta' operazzjonijiet ta' trasport mhux standard***. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi ***fuq is-sewwieqa tal-vetturi li jittrasportaw it-tagħbijiet*** indiviżibbli. |

Or. pl

**Emenda 138**
**Markus Ferber, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – it-tielet subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem ***u biex jallinjaw ir-regoli għall-iskorta ta' trasport anormali***. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport ***u mas-sewwieqa*** tat- |

tagħbijiet indiviżibbli.

Or. en

**Emenda 139**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – it-tielet subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem ***u biex jallinjaw ir-regoli għall-iskorta ta' trasport anormali***. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. |

Or. en

**Emenda 140**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – it-tielet subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati |

| | |
|---|---|
| mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, ***u*** biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. | mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem ***u biex jallinjaw ir-regoli għall-iskorta ta' trasport anormali***. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-allinjament tar-regoli għall-vetturi ta' skorta ta' trasporti anormali jagħmilha aktar faċli għall-operaturi biex iwettqu trasporti transfruntiera.*

**Emenda 141**
**Erik Bergkvist**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 ***to*** 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. | L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali ***jew internazzjonali*** li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom ***b'piżijiet u*** b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, ***1.3,*** 1.4 ***sa*** 1.8***, 2, 4.1***, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali għandhom jiżdiedu mat-test sabiex ikunu inklużi wkoll l-operazzjonijiet transfruntiera. Għandu jkun possibbli wkoll li wieħed jiddevja jew*

*f'termini ta' tul, wisa', għoli u/jew piż peress li ntwera li dan jikkontribwixxi ħafna għat-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet. Jekk ma jkollniex din iż-żieda, fil-fruntiera t-trakkijiet se jkollhom jinħattu, jittellgħu fuq vetturi iżgħar, u mbagħad għal darb'oħra jinħattu u jittellgħu fuq vetturi akbar wara l-qsim. Din ma hijiex prattika tajba tas-suq intern u lanqas ma tibbenefika lill-ambjent.*

**Emenda 142**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 ***to*** 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. | L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali ***jew internazzjonali*** li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom ***b'piżijiet jew*** b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, ***1.3,*** 1.4 ***sa*** 1.8***, 2, 4.1***, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-operazzjonijiet transfruntiera b'vetturi jew kombinazzjonijiet li jiddevjaw mill-Anness 1 ilhom isiru bejn l-Istati Membri li jagħtu l-kunsens għal bosta deċennji mingħajr ma jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport kif definit minn din id-direttiva. Għal dawn l-operazzjonijiet jintużaw vetturi jew kombinazzjonijiet speċjalizzati minħabba l-ambjent operattiv. Il-proposta għandha tinkludi dawn l-operazzjonijiet u toħloq ċarezza legali għal dawn il-prattiki eżistenti li jaħdmu tajjeb u effiċjenti fl-enerġija diġà aċċettati mill-Istati Membri li jagħtu l-kunsens tagħhom.*

**Emenda 143**
**Markus Ferber, Henna Virkkunen, Petri Sarvamaa, Jörgen Warborn**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 ***to*** 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. | L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali ***jew internazzjonali*** li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom ***b'piżijiet jew*** b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, ***1.3,*** 1.4 ***sa*** 1.8***, 2, 4.1***, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri li jagħtu l-kunsens wettqu operazzjonijiet transfruntiera bl-użu ta' vetturi speċjalizzati jew kombinazzjonijiet li jiddevjaw mill-karatteristiċi tal-Anness 1 għal diversi deċennji mingħajr ma affettwaw b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport, kif definit minn din id-Direttiva. Dawn l-operazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija għandhom jiġu inklużi f'din il-proposta biex tinħoloq ċertezza legali għal din il-prattika li hija diġà aċċettata mill-Istati Membri li jagħtu l-kunsens.*

**Emenda 144**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***jistgħu*** jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 ***to*** 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. | L-Istati Membri ***għandhom*** jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali ***jew internazzjonali*** li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom ***b'piżijiet u*** b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, ***1.3,*** 1.4 ***sa*** 1.8***, 2***, 4.2 u 4.4 tal- |

Anness I.

Or. en

**Emenda 145**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 ***to*** 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. | L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali ***jew internazzjonali*** li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom ***b'piżijiet jew*** b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, ***1.3,*** 1.4 ***sa*** 1.8***, 2, 4.1***, 4.2 u 4.4 tal-Anness I. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk Stati Membri ġirien jippermettu fuq bażi nazzjonali vetturi jew kombinazzjonijiet joperaw b'ċerti dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stabbiliti fl-Anness 1, dawn il-vetturi jew kombinazzjonijiet għandhom jitħallew jaqsmu l-fruntiera bejn dawn l-Istati Membri. Jekk l-Istati Membri jkunu ilhom jippermettu fuq bażi nazzjonali vetturi u kombinazzjonijiet akbar diġà għal għexieren ta' snin u jtejbu b'mod konsistenti l-effiċjenza loġistika u l-impatti ambjentali tat-trasport, huma għandhom jitħallew jagħmlu dan anke fil-futur.*

**Emenda 146**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4– punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-Istat Membru li jippermetti li jsiru operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju tiegħu minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fl-Anness I, ikun jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej skont il-paragrafu 4a, biex jinkiseb mill-inqas it-tul tat-tagħbija awtorizzat f'dak l-Istat Membru, u biex kull operatur ikun jista' jibbenefika minn kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Markus Ferber, Henna Virkkunen, Petri Sarvamaa, Jörgen Warborn**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4– punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-Istat Membru li jippermetti li jsiru operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju tiegħu minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fl-Anness I, ikun jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej skont il-paragrafu 4a, biex jinkiseb mill-inqas it-tul tat-tagħbija awtorizzat f'dak l-Istat Membru, u biex kull operatur ikun jista' jibbenefika minn kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni. | (b) l-Istat Membru li jippermetti li jsiru operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju tiegħu minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi ***b'piżijiet jew*** b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fl-Anness I, ikun jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej skont il-paragrafu 4a, biex jinkiseb mill-inqas it-tul tat-tagħbija awtorizzat f'dak l-Istat Membru, u biex kull operatur ikun jista' jibbenefika minn kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni. |

Or. en

**Emenda 148**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4– punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-Istat Membru li jippermetti li jsiru operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju tiegħu minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fl-Anness I, ikun jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej skont il-paragrafu 4a, biex jinkiseb mill-inqas it-tul tat-tagħbija awtorizzat f'dak l-Istat Membru, u biex kull operatur ikun jista' jibbenefika minn kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni. | (b) l-Istat Membru li jippermetti li jsiru operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju tiegħu minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi ***b'piżijiet jew*** b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fl-Anness I, ikun jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej skont il-paragrafu 4a, biex jinkiseb mill-inqas it-tul tat-tagħbija awtorizzat f'dak l-Istat Membru, u biex kull operatur ikun jista' jibbenefika minn kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni. |

Or. en

**Emenda 149**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – Paragrafu 4a – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jippermettu ***ċ-ċirkolazzjoni*** fit-territorji tagħhom fit-traffiku nazzjonali ***u internazzjonali*** tas-Sistemi Modulari Ewropej soġġetti għall-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: | L-Istati Membri jistgħu jippermettu ***biss iċ-ċirkolazzjoni*** fit-territorji tagħhom fit-traffiku nazzjonali tas-Sistemi Modulari Ewropej***, jew provi skont il-paragrafu 5,*** soġġetti għall-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 150**
**Ciarán Cuffe**

f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tal-investiment li jista’ jkun meħtieġ biex jadattaw l-infrastruttura ħalli jippermettu ċ-ċirkolazzjoni sikura tal-EMS, u jagħmlu din l-analiżi pubblika;*** |

Or. en

**Emenda 151**
**Ciarán Cuffe**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konnettività tal-parti tan-network fejn is-Sistemi Modulari Ewropej jistgħu jiċċirkolaw fit-territorji tagħhom man-network tat-toroq ta’ Stati Membri ġirien li jippermettu wkoll iċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej, biex jippermettu t-traffiku transfruntier;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Ciarán Cuffe**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ***tal-monitoraġġ u jivvalutaw*** l-impatt tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq il-qasma modali**.** | (d) l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ***ta' monitoraġġ kontinwu li għandha tivvaluta*** l-impatt tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, ***fuq il-volumi tat-traffiku,*** kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq il-qasma modali***; dan il-monitoraġġ għandu jqis ukoll l-impatt tal-aspetti msemmija hawn fuq li jolqtu lill-Istati Membri ġirien; il-valutazzjonijiet għandhom ikunu regolari u disponibbli għall-pubbliku;*** |

Or. en

**Emenda 153**
**Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema tal-monitoraġġ u jivvalutaw l-impatt tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq il-qasma modali. | (d) l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema tal-monitoraġġ u jivvalutaw l-impatt tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, ***fuq il-ħtieġa ta' taħriġ addizzjonali tas-sewwieqa,*** fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq il-qasma modali. |

Or. en

**Emenda 154**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt da (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-użu tas-Sistemi Modulari Ewropej ikun strettament limitat għal: toroq b'karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin bi strixxa diviżorja mhux maħsuba għat-traffiku jew, eċċezzjonalment, separati b'mezzi oħra; toroq barra ż-żoni residenzjali; toroq barra ż-żoni urbani; u toroq barra konurbazzjonijiet rurali;*** |

Or. en

**Emenda 155**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt db (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni dwar it-toroq li s-Sistemi Modulari Ewropej jistgħu jiċċirkolaw fihom tkun soġġetta għal konsultazzjoni pubblika u infurmata minnha;*** |

Or. en

**Emenda 156**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt dc (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-użu tas-Sistemi Modulari Ewropej ma jwassalx għal żieda fis-sehem tat-trasport bit-triq taċ-ċaqliq modali f'dawk l-Istati Membri, ma jkollux impatt detrimentali fuq it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija jew fuq l-ilma, jew ma jwassalx għal żieda notevoli fil-kostijiet esterni ġġenerati mit-trasport bit-triq;*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt dd (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dd) l-Istat Membru għandu jiżgura li ma jkun hemm l-ebda kompetizzjoni mat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija jew tal-merkanzija fuq l-ilma għal rotot użati mis-Sistemi Modulari Ewropej u għandu juri li l-introduzzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej hija meħtieġa minħabba n-nuqqas ta' alternattivi tat-trasport mhux bit-triq li jiġġeneraw komparattivament inqas kostijiet esterni;*** |

Or. en

**Emenda 158**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt de (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(de) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex jiġu evitati impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq li jirriżultaw miċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej;*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt df (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(df) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-Sistemi Modulari Ewropej jistgħu jiċċirkolaw biss meta jkunu parti minn operazzjoni ta' trasport intermodali;*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt dg (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dg) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-infrastruttura tat-toroq tirrikjedi manutenzjoni, espansjoni, alterazzjoni jew kwalunkwe disinn ieħor mill-ġdid biex tippermetti ċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej, li l-kostijiet involuti jkunu koperti parzjalment jew kompletament mill-operaturi tas-Sistemi Modulari Ewropej li jibbenefikaw minn dawn ix-xogħlijiet.*** |

Or. en

**Emenda 161**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt dh (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dh) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-1 ta' Jannar 2030 is-Sistemi Modulari Ewropej kollha għandhom jitħaddmu minn vetturi b'emissjonijiet żero;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt di (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(di) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-istituti meteoroloġiċi nazzjonali tagħhom jew korpi rilevanti oħra joħorġu twissija perikoluża tat-temp tat-traffiku, is-Sistemi Modulari Ewropej jiġu infurmati awtomatikament b'tali avviżi u l-użu tagħhom fit-toroq jitwaqqaf, meta meħtieġ, saż-żmien li t-twissija tkun ġiet irtirata;*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – punt dj (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dj) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sewwieqa tas-Sistemi Modulari Ewropej ikollhom età minima ta' 24 sena, ikollhom minimu ta' 5 snin esperjenza fit-tħaddim ta' vetturi tal-Kategorija C u CE, iżommu rekord tas-sewqan nadif mingħajr sospensjonijiet għal dawn l-aħħar 3 snin, u jkollhom ċertifikat speċifiku għat-tħaddim tal-EMS.*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – is-sitt subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali. | Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw biex jirrikonoxxu b'mod reċiproku ċ-ċertifikazzjonijiet ta' xulxin għas-sewwieqa tas-Sistemi Modulari Ewropej.*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Erik Bergkvist**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – is-sitt subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali. | Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej ***jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jiddevjaw mill-Anness I*** fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej ***jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jiddevjaw mill-Anness I*** fit-traffiku internazzjonali bejn ***l-Istati Membri li jagħtu l-kunsens tagħhom***, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej ***jew għal kombinazzjonijiet ta' vetturi li jiddevjaw mill-Anness I*** fit-traffiku |

| | |
|---|---|
| | nazzjonali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Intwera li l-kombinazzjonijiet ta' vetturi ta' kapaċità għolja jikkontribwixxu bil-kbir biex inaqqsu l-konsum tal-fjuwil, l-emissjonijiet, l-għadd ta' trakkijiet fit-toroq u jtaffu l-problema tan-nuqqas ta' sewwieqa fl-UE. Huwa essenzjali li titkompla din il-prattika bejn l-Istati Membri li jagħtu l-kunsens tagħhom peress li xi wħud ma għandhomx il-possibbiltà li jwettqu operazzjonijiet transfruntiera b'xi mod ieħor minħabba pereżempju rekwiżiti ferrovjarji differenti. Operazzjonijiet bħal dawn ilhom isiru għal għexieren ta' snin mingħajr ma jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport.*

**Emenda 166**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – is-sitt subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni*** ta' Sistemi Modulari Ewropej ***fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi*** ċ-ċirkolazzjoni ***fit-territorju tiegħu*** ta' Sistemi Modulari Ewropej ***fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali***. | ***Qabel ma jippermettu ċ-ċirkolazzjoni*** ta' Sistemi Modulari Ewropej ***fit-territorju tagħhom stess, l-Istati Membri għandhom joħorġu talba motivata lill-Kummissjoni fejn għandhom jistabbilixxu kif ikunu ssodisfaw il-kundizzjonijiet kollha kif stipulati fil-punti (a) sa (dj) ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba u tawtorizza biss iċ-ċirkolazzjoni*** ta' Sistemi Modulari Ewropej ***fl-Istat Membru jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-valutazzjonijiet tagħha u l-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li tieħu skont dan is-subparagrafu***. |

Or. en

**Emenda 167**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – is-sitt subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali. | Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej ***jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jiddevjaw mill-Anness I*** fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej ***jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jiddevjaw mill-Anness I*** fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej ***jew għal kombinazzjonijiet ta' vetturi li jiddevjaw mill-Anness I permessi*** fit-traffiku nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 168**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – is-sitt subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d- | Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d- |

| | |
|---|---|
| dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali. | dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali. ***L-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jirrikonoxxu b'mod reċiproku ċ-ċertifikazzjonijiet ta' xulxin għas-sewwieqa tas-Sistemi Modulari Ewropej.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni ta' sistemi modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali għandhom jiġu mħeġġa jikkooperaw biex jirrikonoxxu b'mod reċiproku l-kwalifiki tas-sewwieqa tal-EMS minn Stati Membri oħra sabiex jiġi evitat li r-rifjut ta' taħriġ u ttestjar fi Stat Membru ospitanti jsir ostaklu għall-użu internazzjonali.*

**Emenda 169**
**Rovana Plumb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – is-sitt subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali. | Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali. ***L-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jirrikonoxxu b'mod reċiproku ċ-ċertifikazzjonijiet ta' xulxin għas-sewwieqa tas-Sistemi Modulari Ewropej.*** |

Or. en

**Emenda 170**
**Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid) – is-seba' subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jkunu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom tas-Sistemi Modulari Ewropej. | L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jkunu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom tas-Sistemi Modulari Ewropej. ***Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-kombinazzjonijiet tas-Sistema Modulari Ewropea fl-UE u għandha, jekk xieraq, tagħmel proposta leġiżlattiva debitament akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt biex jitwessa' l-ambitu tal-użu tagħha.*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid) – is-seba' subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jkunu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom*** tas-Sistemi Modulari Ewropej. | ***Iċ-ċirkolazzjoni*** tas-Sistemi Modulari Ewropej ***fit-traffiku internazzjonali bejn żewġ Stati Membri ġirien għandha tkun permessa biss fejn fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, diġà jkun hemm traffiku transfruntier mifrux, regolari, mhux ibbażat fuq il-prova, ta' Sistemi Modulari Ewropej bejn iż-żewġ Stati Membri, soġġetti għall-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafu 4a***. |

Or. en

**Emenda 172**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – subparagrafu ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-kombinazzjonijiet tas-Sistema Modulari Ewropea fl-UE u għandha, jekk xieraq, tagħmel proposta leġiżlattiva debitament akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt biex jitwessa' l-ambitu tal-użu tagħha.";*** |

Or. en

**Emenda 173**
**Rovana Plumb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – subparagrafu ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-kombinazzjonijiet tas-Sistema Modulari Ewropea fl-UE u għandha, jekk xieraq, tagħmel proposta leġiżlattiva debitament akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt biex jitwessa' l-ambitu tal-użu tagħha.*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Pablo Arias Echeverría, José Ramón Bauzá Díaz**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4a – subparagrafu ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mill-1 ta' Jannar 2040, meta l-Istati Membri jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi tas-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) involuti fi traffiku internazzjonali, huma għandhom jevalwaw jekk l-istat tal-iżviluppi tat-teknoloġija fis-swieq jippermettix it-tneħħija gradwali tal-użu ta' tali EMS li jaħdmu bil-fjuwils fossili.*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal ***massimu ta'*** ħames snin. L-għadd tal-provi ma | Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal ħames snin ***u jiġġeddu darba***. ***F'każ li Stat Membru*** |

| | |
|---|---|
| għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. | ***jġedded prova tas-Sistemi Modulari Ewropej, huwa għandu jipprovdi ġustifikazzjoni adegwata lill-Kummissjoni***. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu ta' prova huwa limitat għal ħames snin li jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jiddeterminaw il-livell ta' maturità ta' kunċett ta' vettura fiċ-ċirkostanzi kollha. Għandha tkun possibbli estensjoni tal-perjodu. Madankollu, din għandha tkun soġġett għal ġustifikazzjoni xierqa pprovduta lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti.*

**Emenda 176**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat- | Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat- |

| | |
|---|---|
| trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ħames snin. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. | trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova ***unikament wara li juru li l-attivitajiet ta' trasport fil-mira ma jistgħux jitwettqu bil-ferrovija jew kwalunkwe forma oħra ta' trasport li toffri benefiċċji ta' sikurezza u ambjentali simili jew superjuri. Irid jintwera li dan ma jkollux impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni intermodali fl-industrija tat-trasport kollha kemm hi.*** B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ħames snin. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. |

Or. en

**Emenda 177**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ħames snin. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. | Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ħames snin ***u jistgħu jiġġeddu darba għal ħames snin oħra. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jġedded prova, għandu jipprovdi ġustifikazzjoni suffiċjenti lill-Kummissjoni***. L-għadd tal-provi ma |

| | |
|---|---|
| | għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu ta' prova limitat għal ħames snin jista' ma jkunx biżżejjed biex jiddetermina l-livell ta' maturità ta' kunċett ta' vettura. Barra minn hekk, għal ħafna kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, il-provi jirrappreżentaw investiment sinifikanti u limitazzjoni ta' perjodu ta' prova ta' 5 snin tista' taffettwa b'mod negattiv ir-rieda tagħhom li jinvestu u jinnovaw pereżempju vetturi aktar effiċjenti fl-enerġija. Għalhekk, prova għandha titħalla tiġġedded darba b'ġustifikazzjoni adegwata.*

**Emenda 178**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali ***jew internazzjonali*** tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ***ħames*** snin. ***L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat.*** L-Istati Membri għandhom ***jinformaw lill-Kummissjoni bihom***. | Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali tul il-perjodu tal-prova ***unikament wara li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet kif stipulati fil-paragrafu 4a ta' dan l-Artikolu jkunu ġew issodisfati***. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ***tliet*** snin. L-Istati Membri għandhom ***jitolbu awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4a***. |

Or. en

**Emenda 179**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għal perjodu limitat taż-żmien,*** l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi ***għal massimu ta' ħames snin***. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. | L-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Limitazzjoni taż-żmien se tistabbilixxi inqas inċentivi għall-kumpaniji biex jinvestu f'EMS innovattivi u aktar effiċjenti fl-enerġija. B'mod partikolari għall-SMEs huwa diffiċli li wieħed jifhem għaliex għandhom jagħmlu investiment sinifikanti f'EMS jekk iċ-ċiklu ta' ħajja tagħha hija aktar minn 5 snin iżda l-użu tagħha jista' jkun limitat.*

**Emenda 180**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għal perjodu limitat taż-żmien,*** l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi ***għal massimu ta' ħames snin***. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. | L-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. |

Or. en

**Emenda 181**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali ***jew internazzjonali*** tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ħames snin. L-għadd tal-provi ma | Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ħames snin. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. |

| | |
|---|---|
| għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. | L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom. |

Or. en

**Emenda 182**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10h biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tiddetermina s-settijiet minimi tad-data u l-indikaturi tal-prestazzjoni li jridu jagħtu s-sistemi tal-monitoraġġ stabbiliti mill-Istati Membri kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 4a u fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.; | 5a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10h biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tiddetermina s-settijiet minimi tad-data u l-indikaturi tal-prestazzjoni***, marbuta mal-punti (a) sa (dj) ta' dan l-Artikolu,*** li jridu jagħtu s-sistemi tal-monitoraġġ stabbiliti mill-Istati Membri kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 4a u fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.; |

Or. en

**Emenda 183**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ee (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiddaħħal il-paragrafu 5b li ġej:*** |
| | ***Sat-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-rekwiżiti u t-*** |

***teknoloġiji kollha għall-vetturi tqal skont ir-Regolament (UE) 2019/2144[1a] isiru applikabbli u, meta meħtieġ immodifikati għas-Sistemi Modulari Ewropej, sabiex jitqies ir-riskju potenzjali akbar għas-sikurezza fit-toroq maħluq minn vetturi bħal dawn;***

______________

***[1a] Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)***

Or. en

**Emenda 184**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikoli 4a u 4b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) jiddaħħlu l-Artikoli 4a ***u*** 4b li ġejjin: | (4) jiddaħħlu l-Artikoli 4a***,*** 4b ***u 4c*** li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 185**
**Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikoli 4a u 4b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) ***jiddaħħlu l-Artikoli*** 4a ***u 4b*** li ***ġejjin***: | (4) ***jiddaħħal l-Artikolu*** 4a li ***ġej***: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-vetturi b'magna tal-kombustjoni jitħallew jgħaddu minn 40 tunnellata għal 44 tunnellata se jitnaqqas l-inċentiv għall-atturi tas-suq biex jimxu minn vetturi b'magna tal-kombustjoni għal vetturi elettriċi u jekk jiġu permessi ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri li japplikaw piżijiet u dimensjonijiet akbar minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva fit-traffiku transfruntier, id-direttiva ma tibqax tgħodd.*

**Emenda 186**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) punt uniku tal-aċċess nazzjonali biex l-applikanti jiksbu l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal permessi speċjali jew arranġamenti simili | (b) punt uniku tal-aċċess nazzjonali biex l-applikanti jiksbu l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal permessi speċjali jew arranġamenti simili |

| | |
|---|---|
| kif stipulat fl-Artikolu 4(3) u għall-informazzjoni meħtieġa biex jippjanaw ir-rotot tagħhom b'mod ċar, aċċessibbli, u trasparenti; | kif stipulat fl-Artikolu 4(3) u għall-informazzjoni meħtieġa biex jippjanaw ir-rotot tagħhom b'mod ċar, aċċessibbli, u trasparenti***. Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet tal-għoli***; |

Or. en

**Emenda 187**
**Rovana Plumb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) punt uniku tal-aċċess nazzjonali biex ***l-applikanti jiksbu*** l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal permessi speċjali jew arranġamenti simili kif stipulat fl-Artikolu 4(3) u għall-informazzjoni meħtieġa biex jippjanaw ir-rotot tagħhom b'mod ċar, aċċessibbli, u trasparenti; | (b) punt uniku tal-aċċess nazzjonali biex ***tinkiseb*** l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal permessi speċjali jew arranġamenti simili kif stipulat fl-Artikolu 4(3) u għall-informazzjoni meħtieġa biex jippjanaw ir-rotot tagħhom b'mod ċar, aċċessibbli, u trasparenti***. Huwa meħtieġ li tiġi inkluża informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet tal-għoli***; |

Or. en

**Emenda 188**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) punt uniku tal-aċċess nazzjonali biex ***l-applikanti jiksbu*** l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal permessi speċjali jew arranġamenti simili | (b) punt uniku tal-aċċess nazzjonali biex ***tinkiseb*** l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal permessi speċjali jew arranġamenti simili kif stipulat |

| | |
|---|---|
| kif stipulat fl-Artikolu 4(3) u għall-informazzjoni meħtieġa biex jippjanaw ir-rotot tagħhom b'mod ċar, aċċessibbli, u trasparenti; | fl-Artikolu 4(3) u għall-informazzjoni meħtieġa biex jippjanaw ir-rotot tagħhom b'mod ċar, aċċessibbli, u trasparenti**.** ***Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet tal-għoli***; |

Or. en

**Emenda 189**
**Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola ***tar-reġistrazzjoni u*** tal-applikazzjoni ***għal permess*** standard komuni ***tal-vetturi*** u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali***, inkluż f'forma diġitali,*** jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3) ***kif ukoll l-armonizzazzjoni tar-regoli għall-iskorta tat-trasport anormali***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bħalissa, l-Istati Membri kollha jirrikjedu l-istess informazzjoni matul il-proċess ta' applikazzjoni għal permessi anormali. Madankollu, jagħmlu dan f'format differenti u bil-lingwa nazzjonali tagħhom stess. Dan joħloq piż burokratiku mingħajr sens. Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni bejn l-Istati Membri ma tirrikjedi l-ebda bidla fir-responsabbiltajiet tal-operaturi tat-toroq jew fil-metodi għall-ħruġ tal-permessi.*

**Emenda 190**
**Kosma Złotowski**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni ***u*** li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2)."; | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni ***għar-reġistrazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-vetturi,*** li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali***, inkluż f'format diġitali,*** jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3)***, u li jarmonizzaw ir-regoli dwar l-eskortar ta' operazzjonijiet ta' trasport mhux standard***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2)."; |

Or. pl

**Emenda 191**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola ***tar-reġistrazzjoni u*** tal-applikazzjoni ***għal permess*** standard komuni ***tal-vetturi*** u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' |

| | |
|---|---|
| f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). | implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). |

Or. en

**Emenda 192**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola ***tar-reġistrazzjoni u*** tal-applikazzjoni ***għal permess*** standard komuni ***tal-vetturi*** u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bħalissa, l-Istati Membri jirrikjedu l-istess informazzjoni matul il-proċedura ta' applikazzjoni iżda f'format differenti u bil-lingwa nazzjonali tagħhom stess. Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni bi standard komuni għall-Istati Membri kollha se tnaqqas il-piż amministrattiv ta' operaturi anormali tat-trasport u tirriżulta wkoll f'iffrankar finanzjarju.*

**Emenda 193**
**Markus Ferber, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola ***tar-reġistrazzjoni u*** tal-applikazzjoni ***għal permess*** standard komuni ***tal-vetturi*** u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). |

Or. en

**Emenda 194**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). | 2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni ***tal-UE*** u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). |

Or. en

**Emenda 195**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2). |

Or. en

**Emenda 196**
**Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 4b*** | ***imħassar*** |
| ***1. Kull meta Stat Membru, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(2), jippermetti ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piż massimu li jaqbeż il-limiti stabbiliti fil-punt 2.2.1 jew 2.2.2 tal-Anness I, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi l-użu fit-territorju tiegħu fit-traffiku internazzjonali ta' dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jkunu konformi mal-valuri tal-piż stabbiliti għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija, diment li l-piż massimu awtorizzat ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi ma jaqbiżx l-*** | ***imħassar*** |

| | |
|---|---|
| ***44 tunnellata.*** | |
| ***2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-limitu ta' 44 tunnellata tal-piż massimu stabbilit fil-paragrafu 1 jista' jinqabeż jekk l-Istat Membru jkun jippermetti valuri ta' piż akbar għal dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi meta jkunu involuti f'operazzjoni tat-trasport intermodali.*** | ***imħassar*** |
| ***3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2034.";*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-vetturi b'magna tal-kombustjoni jitħallew jgħaddu minn 40 tunnellata għal 44 tunnellata se jitnaqqas l-inċentiv għall-atturi tas-suq biex jimxu minn vetturi b'magna tal-kombustjoni għal vetturi ZE u jekk jiġu permessi ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri li japplikaw piżijiet u dimensjonijiet akbar minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva fit-traffiku transfruntier, id-direttiva ma tibqax tgħodd.*

**Emenda 197**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull meta Stat Membru, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(2), jippermetti ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piż massimu li jaqbeż il-limiti stabbiliti fil-punt 2.2.1 jew 2.2.2 tal-Anness I, dan ***ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi*** l-użu fit-territorju tiegħu fit-traffiku internazzjonali ta' ***dawk il-kombinazzjonijiet*** ta' vetturi li jkunu konformi mal-valuri tal-piż stabbiliti għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija, | 1. Kull meta Stat Membru, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(2), jippermetti ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piż massimu li jaqbeż il-limiti stabbiliti fil-punt 2.2.1 jew 2.2.2 tal-Anness I, dan ***jista' jiddeċiedi li jippermetti*** l-użu fit-territorju tiegħu fit-traffiku internazzjonali ta' ***kombinazzjonijiet*** ta' vetturi li jkunu konformi mal-valuri tal-piż stabbiliti għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija, diment |

| | |
|---|---|
| diment li l-piż massimu awtorizzat ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi ma jaqbiżx l-44 tunnellata. | li l-piż massimu awtorizzat ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi ma jaqbiżx l-44 tunnellata***, li r-rotot użati minn tali vetturi ma jikkompetux mal-modi tat-trasport bil-ferrovija jew fuq l-ilma, u dment li tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) il-kombinazzjoni tal-vettura hija b'emissjonijiet żero;*** |
| | ***(b) il-kombinazzjoni tal-vetturi tintuża għal operazzjonijiet ta' trasport intermodali;*** |
| | ***Il-punt (b) ta' dan il-paragrafu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2030***. |

Or. en

**Emenda 198**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull meta Stat Membru, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(2), jippermetti ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piż massimu li jaqbeż il-limiti stabbiliti fil-punt 2.2.1 jew 2.2.2 tal-Anness I, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi l-użu fit-territorju tiegħu fit-traffiku internazzjonali ta' dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jkunu konformi mal-valuri tal-piż stabbiliti għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija, diment li l-piż massimu awtorizzat ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi ma jaqbiżx ***l-44*** tunnellata. | 1. Kull meta Stat Membru, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(2), jippermetti ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piż massimu li jaqbeż il-limiti stabbiliti fil-punt 2.2.1 jew 2.2.2 tal-Anness I, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi l-użu fit-territorju tiegħu fit-traffiku internazzjonali ta' dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jkunu konformi mal-valuri tal-piż stabbiliti għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija, diment li l-piż massimu awtorizzat ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi ma jaqbiżx ***is-46*** tunnellata. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi stimulat l-użu ta' vetturi ZEV, l-intermodalità u biex jiżdiedu l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, filwaqt li tiġi permessa wkoll tagħbija addizzjonali, għandhom jiġu awtorizzati 44 tunnellata għal vetturi bil-mutur bi tliet fusien b'semitrejlers ta' tliet fusien u żewġ tunnellati addizzjonali għal ZEVs, bi fjuwil alternattiv jew involuti fit-trasport intermodali. Iż-żieda ġenerali għal 44 tunnellata għandha tiżgura inqas vjaġġi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.*

**Emenda 199**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Kull meta*** Stat Membru***, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(2),*** jippermetti ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piż massimu ***li jaqbeż il-limiti stabbiliti fil-punt 2.2.1 jew 2.2.2 tal-Anness I, dan*** ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi l-użu fit-territorju tiegħu fit-traffiku internazzjonali ta' dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jkunu konformi mal-valuri tal-piż stabbiliti għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija, diment li l-piż massimu awtorizzat ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi ma jaqbiżx ***l-44*** tunnellata. | 1. ***Kwalunkwe*** Stat Membru ***jista' jistabbilixxi l-piżijiet u d-dimensjonijiet tiegħu iżda jeħtieġlu*** jippermetti ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piż massimu ***ta' 60 tunnellata fuq in-network TEN-T u*** ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi l-użu fit-territorju tiegħu fit-traffiku internazzjonali ta' dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jkunu konformi mal-valuri tal-piż stabbiliti għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija, diment li l-piż massimu awtorizzat ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi ma jaqbiżx ***is-60*** tunnellata. |

Or. en

**Emenda 200**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – Paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-limitu ta' 44 tunnellata tal-piż massimu stabbilit fil-paragrafu 1 jista' jinqabeż jekk l-Istat Membru jkun jippermetti valuri ta' piż akbar għal dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi meta jkunu involuti f'operazzjoni tat-trasport intermodali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 201**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – Paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-limitu ta' ***44*** tunnellata tal-piż massimu stabbilit fil-paragrafu 1 jista' jinqabeż jekk l-Istat Membru jkun jippermetti valuri ta' piż akbar għal dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi meta jkunu involuti f'operazzjoni tat-trasport intermodali. | 2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-limitu ta' ***60*** tunnellata tal-piż massimu stabbilit fil-paragrafu 1 jista' jinqabeż jekk l-Istat Membru jkun jippermetti valuri ta' piż akbar għal dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi meta jkunu involuti f'operazzjoni tat-trasport intermodali. |

Or. en

**Emenda 202**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – Paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-limitu | 2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-limitu |

| | |
|---|---|
| ta' ***44*** tunnellata tal-piż massimu stabbilit fil-paragrafu 1 jista' jinqabeż jekk l-Istat Membru jkun jippermetti valuri ta' piż akbar għal dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi meta jkunu involuti f'operazzjoni tat-trasport intermodali. | ta' ***46*** tunnellata tal-piż massimu stabbilit fil-paragrafu 1 jista' jinqabeż jekk l-Istat Membru jkun jippermetti valuri ta' piż akbar għal dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi meta jkunu involuti f'operazzjoni tat-trasport intermodali. |

Or. en

**Emenda 203**
**Jan-Christoph Oetjen, Ondřej Kovařík**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2034.";*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 204**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2034.";*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 205**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru ***2034***."; | 3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru ***2039, jekk il-kundizzjonijiet abilitanti fis-suq jippermettu dan***."; |

Or. en

**Emenda 206**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Ondřej Kovařík**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru ***2034***."; | 3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru ***2039, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet abilitanti***."; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkun hemm inċentivi għall-operaturi biex jiddekarbonizzaw it-trasport bit-triq. Madankollu, għaċ-ċertezza legali u l-koerenza leġiżlattiva, l-iskeda ta' żmien tat-tneħħija gradwali għandha tkun allinjata kemm jista' jkun mal-miri stabbiliti fir-regolament dwar l-istandards tas-CO2 għall-vetturi tqal. Il-kundizzjonijiet abilitanti jinkludu, pereżempju, id-disponibbiltà ta' infrastruttura u vetturi b'emissjonijiet żero.*

**Emenda 207**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu ***għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2034***.”***;*** | 3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, ***l-applikazzjoni ta'*** dan l-Artikolu ***għandha tiġi evalwata fl-2040***.” |

Or. en

**Emenda 208**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu ***japplika sal-31 ta' Diċembru 2034***.”; | 3. Fid-dawl taż-żieda mistennija fl-użu tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, dan l-Artikolu għandu ***jiġi evalwat fl-2035***.”; |

Or. en

**Emenda 209**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4c*** |

| | |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kurituri anormali tat-trasport bit-triq kif ukoll proċedura simplifikata ta' applikazzjoni ta' permess għall-użu ta' dawn il-kurituri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2).*** |

Or. en

**Emenda 210**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 6 – paragrafu 4

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 4. Vetturi li jkollhom prova ta' konformità ***jistgħu*** ikunu soġġetti: | 4. Vetturi li jkollhom prova ta' konformità ***għandhom*** ikunu soġġetti: |
| - fejn għandhom x'jaqsmu l-istandards komuni dwar il-piżijiet, għal spezzjonijiet bl-addoċċ; | - fejn għandhom x'jaqsmu l-istandards komuni dwar il-piżijiet, għal spezzjonijiet bl-addoċċ; |
| - fejn għandhom x'jaqsmu l-istandards komuni dwar id-dimensjonijiet, biss għal spezzjonijiet fejn hemm suspett ta' non-konformità ma' din id-Direttiva. | - fejn għandhom x'jaqsmu l-istandards komuni dwar id-dimensjonijiet, biss għal spezzjonijiet fejn hemm suspett ta' non-konformità ma' din id-Direttiva. |

Or. en

*Directive 96/53/ EC*

**Emenda 211**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 6 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***“*** | |
| ***7. Biex operazzjoni tat-trasport tikkwalifika bħala operazzjonijiet tat-trasport intermodali għall-fini ta' din id-Direttiva, l-ispeditur jew, jekk differenti mill-ispeditur, l-impriża li torganizza l-operazzjoni tat-trasport intermodali, għandhom jiżguraw li d-dokumenti msemmija fl-Artikoli 3 u 7 tad-Direttiva 92/106/KEE, kif xieraq, jiġu reġistrati u jsiru disponibbli fuq pjattaforma tal-eFTI f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056. Dik l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti, fuq l-istess pjattaforma tal-eFTI fejn tkun ġiet irreġistrata l-informazzjoni dwar it-trasport, f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056.*** | |
| ***”*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni għandha tiġi ttrattata bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat.*

**Emenda 212**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(7) jiddaħħal l-Artikolu 8c li ġej:*** | ***imħassar*** |
| *“* | |
| ***Artikolu 8c*** | |
| ***It-trasportaturi tal-vetturi b’korpi miftuħa jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta’ 20,75 metru, bl-użu ta’ reffieda tat-tagħbija awtorizzati.*** | |
| ***L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi ’l barra meta mqabbla mat-tagħbija. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra quddiem il-vettura tal-irmonk sa massimu ta’ 0,5 metri, diment li l-ewwel fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra minn wara sa massimu ta’ 1,5 metri, diment li l-aħħar fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler.;*** | |
| *”* | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni żżid il-kompetizzjoni bejn il-merkanzija bit-triq u l-ferrovija. Jagħmel sens li t-trakkijiet jintużaw għat-trasportaturi tal-karozzi tat-triq għal distanzi qosra iżda mhux li dawn jiġu inċentivati permezz ta’ tul akbar għall-ivvjaġġar transfruntier. Barra minn hekk, u kif iddikjarat fil-Valutazzjoni tal-Impatt, meta t-tagħbijiet żejda jaqbżu l-limitu tad-disinn ir-riskji tas-sikurezza jiżdiedu sostanzjalment.*

**Emenda 213**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trasportaturi tal-vetturi ***b'korpi miftuħa*** jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija ***awtorizzati***. | It-trasportaturi tal-vetturi jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda ***estendibbli*** tat-tagħbija ***ta' wara***. |
| ***L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi 'l barra meta mqabbla mat-tagħbija.*** It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra quddiem ***il-vettura tal-irmonk*** sa massimu ta' 0,5 metri***,*** diment li ***l-ewwel fus*** tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler. ***It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra minn wara sa massimu ta' 1,5 metri, diment li l-aħħar fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler***.; | It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra quddiem ***it-trasportatur tal-vettura, ħlief vetturi artikolati,*** sa massimu ta' 0,5 metridiment li ***l-fusien*** tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura ***tal-korp. Fuq wara t-tagħbija tista' toħroġ 'il barra sa massimu ta' 1,5 metri dment li l-fus(ien) ta' quddiem tal-vettura trasportata jkun(u) jistrieħ(u) fuq l-istruttura*** tat-trejler. ***Ir-reffieda estendibbli tat-tagħbija ta' wara ma jistgħux jisporġu aktar 'il barra mit-tagħbija sporġenti.***";

Or. en

**Emenda 214**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trasportaturi tal-vetturi ***b'korpi miftuħa*** jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija awtorizzati. | It-trasportaturi tal-vetturi jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija awtorizzati***, bħar-reffieda estendibbli tat-tagħbija ta' wara***. |

Or. en

**Emenda 215**
**Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija ***awtorizzati***. | It-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda ***estendibbli*** tat-tagħbija ***ta' wara***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma hemm l-ebda definizzjoni dwar liema reffieda tat-tagħbija huma "awtorizzati" u liema ma humiex. Għalhekk hija meħtieġa kjarifika.*

**Emenda 216**
**Marco Campomenosi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' ***20,75*** metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija awtorizzati. | It-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' ***21*** metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija awtorizzati. |

Or. it

**Emenda 217**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' ***20,75*** metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija awtorizzati. | It-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' ***21*** metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija awtorizzati. |

Or. en

**Emenda 218**
**Rovana Plumb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trasportaturi tal-vetturi ***b'korpi miftuħa*** jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija ***awtorizzati***. | It-trasportaturi tal-vetturi jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda ***estendibbli*** tat-tagħbija ***ta' wara***. |

Or. en

**Emenda 219**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trasportaturi tal-vetturi ***b'korpi miftuħa*** jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu | It-trasportaturi tal-vetturi jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda tat- |

| | |
|---|---|
| ta' reffieda tat-tagħbija awtorizzati. | tagħbija awtorizzati. |

Or. en

**Emenda 220**
**Rovana Plumb**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi 'l barra meta mqabbla mat-tagħbija.*** It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra quddiem ***il-vettura tal-irmonk*** sa massimu ta' 0,5 metri, diment li ***l-ewwel fus*** tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura ***tat-trejler***. It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra ***minn wara*** sa massimu ta' 1,5 metri, diment li ***l-aħħar fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ*** fuq l-istruttura tat-trejler.; | It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra quddiem ***it-trasportatur tal-vettura, li jaċċetta vetturi artikolati,*** sa massimu ta' 0,5 metri, diment li ***l-fusien*** tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura ***tal-korp***. ***Fuq wara,*** it-tagħbija tista' tisporġi 'l barra sa massimu ta' 1,5 metri, diment li ***l-fus(ien) ta' quddiem tal-vettura/vetturi trasportata/trasportati jkun(u) jistrieħ(u)*** fuql-istruttura tat-trejler. ***Ir-reffieda estendibblitat-tagħbija ta' wara ma jistgħux jisporġu aktar 'il barra mit-tagħbija sporġenti***; |

Or. en

**Emenda 221**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 95/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi 'l barra meta mqabbla mat-tagħbija.*** It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra quddiem ***il-vettura tal-irmonk*** sa massimu | It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra quddiem ***it-trasportatur tal-vettura, bl-eċċezzjoni ta' vetturi artikolati,*** sa massimu ta' 0,5 metri, diment li ***l-fusien*** tal-vettura trasportata ***jkunu jistrieħu*** fuq l-istruttura |

| | |
|---|---|
| ta’ 0,5 metri, diment li ***l-ewwel fus*** tal-vettura trasportata ***jkun jistrieħ*** fuq l-istruttura tat-trejler. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra minn wara sa massimu ta’ 1,5 metri, diment li ***l-aħħar fus*** tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler.; | tat-trejler. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra minn wara sa massimu ta’ 1,5 metri, diment li ***l-fus ta’ quddiem*** tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler.; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika peress li ma hemm l-ebda definizzjoni rikonoxxuta ta’ trasportaturi ta’ vetturi “miftuħa” u “magħluqa” u biex jitħalla spazju għal disinji parzjali jew futuri li jidħlu fis-suq, filwaqt li tirrifletti wkoll ir-realtà operattiva tas-settur tat-trasportaturi tal-vetturi.*

**Emenda 222**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi ’l barra meta mqabbla mat-tagħbija. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra quddiem il-vettura tal-irmonk sa massimu ta’ 0,5 metri, diment li l-ewwel fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura ***tat-trejler***. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra minn wara sa massimu ta’ 1,5 metri, diment li l-aħħar fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler.; | L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi ’l barra meta mqabbla mat-tagħbija. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra quddiem il-vettura tal-irmonk sa massimu ta’ 0,5 metri, diment li l-ewwel fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura ***tal-vettura bil-mutur***. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra minn wara sa massimu ta’ 1,5 metri, diment li l-aħħar fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler.; |

Or. en

**Emenda 223**
**Marco Campomenosi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi ’l barra meta mqabbla mat-tagħbija. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra quddiem il-vettura tal-irmonk sa massimu ta’ 0,5 metri, diment li l-ewwel fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura ***tat-trejler***. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra minn wara sa massimu ta’ 1,5 metri, diment li l-aħħar fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler.; | L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi ’l barra meta mqabbla mat-tagħbija. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra quddiem il-vettura tal-irmonk sa massimu ta’ 0,5 metri, diment li l-ewwel fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura ***tal-vettura bil-mutur***. It-tagħbija tista’ tisporġi ’l barra minn wara sa massimu ta’ 1,5 metri, diment li l-aħħar fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler.; |

Or. it

**Emenda 224**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta’ din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika ***u*** prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista’ jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b’dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta’ din id-Direttiva u kull qbiż | 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta’ din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika**,** prestazzjoni tas-sikurezza aħjar ***u kumdità aħjar tas-sewwieq***. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista’ jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b’dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I |

| | |
|---|---|
| fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. | ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. |

Or. en

**Emenda 225**
**Mario Furore**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. | 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. |
| | ***Is-servizzi sanitarji, meta applikabbli, fin-naħa ta' ġewwa tal-kabini ma jistgħux jitneħħew biex jippermettu l-installazzjoni teknoloġiji b'emissjonijiet żero.*** |

Or. it

**Emenda 226**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. | 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika***, kumdità aħjar tas-sewwieq*** u prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. |

Or. en

**Emenda 227**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika ***u*** prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont | 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika***,*** prestazzjoni tas-sikurezza aħjar ***u kumdità aħjar tas-sewwieq***. Kull eċċess fit-tulijiet |

| | |
|---|---|
| dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. | massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq qed jesperjenza nuqqas kroniku ta' sewwieqa, u għalhekk sikurezza mtejba u kumdità ġenerali huma kruċjali bħala fattur ta' taffija li jservi ta' għajnuna.*

**Emenda 228**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika ***u*** prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. | 1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika***,*** prestazzjoni tas-sikurezza ***u kumdità tas-sewwieq*** aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi. |

Or. en

**Emenda 229**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) jiddaħħal l-Artikolu 9b li ġej:*** |
| | ***Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni Ewropea għandha temenda l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip inkluż ir-Regolament (UE) 2018/858[6a] biex tiżgura li l-vetturi ġodda jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi jkunu kompatibbli mill-aspett tekniku u operazzjonali mar-rekwiżiti tat-trażbord intermodali, inklużi iżda mhux limitati għar-rekwiżiti ta' piż, forma, daqs, krejnabbiltà, reżistenza għall-forzi tal-ajru tal-ferroviji, u r-ritrattabbiltà u t-tiwi ta' apparati li jisporġu 'l barra.*** |
| | ***[6a] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Illum il-biċċa l-kbira tal-unitajiet tat-toroq ma humiex kompatibbli mat-trasport tagħhom bil-ferrovija jew man-navigazzjoni interna u sabiex jiġi evitat li jxekklu segment importanti tas-suq (b'mod partikolari fid-dawl tal-bidliet introdotti fl-Anness I), huwa kruċjali li jiġi żgurat*

*li kwalunkwe unità tat-triq ġdida mqiegħda fis-suq tkun kompatibbli mal-operazzjonijiet tat-trasport intermodali skont id-disinn.*

**Emenda 230**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10b – paragrafu 1 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-piżijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet fuq il-fusien massimi awtorizzati tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv jew tal-vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-punti 2.2., 2.3, 2.4, 3.4.2 u 3.4.3 tal-Anness I. | Il-piżijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet fuq il-fusien massimi awtorizzati tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv jew tal-vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-punti 2.2., 2.3, 2.4, 3.4.2 u 3.4.3 tal-Anness I. |
| | ***Madankollu, il-vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi għandhom jikkonformaw ukoll mal-limiti ta' tagħbija massima awtorizzata fuq il-fus mniżżla fil-punt 3 tal-Anness I.*** |

Or. en

**Emenda 231**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10b – paragrafu 1 – l-ewwel subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-piżijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet fuq il-fusien massimi awtorizzati tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv jew tal-vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-punti 2.2., 2.3, 2.4***,*** 3.4.2 ***u 3.4.3*** tal-Anness I. | Il-piżijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet fuq il-fusien massimi awtorizzati tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv jew tal-vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-punti 2.2., 2.3, 2.4 ***u*** 3.4.2 tal-Anness I. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sinkronizzazzjoni mal-bidliet fl-Anness*

**Emenda 232**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10b – it-tieni subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-piż addizzjonali meħtieġ mill-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv ***għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero*** għandu jiġi definit abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur meta l-vettura inkwistjoni tiġi approvata. Dak il-piż addizzjonali għandu jiġi indikat fil-prova uffiċjali meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 6. | Il-piż addizzjonali meħtieġ mill-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għandu jiġi definit abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur meta l-vettura inkwistjoni tiġi approvata. Dak il-piż addizzjonali għandu jiġi indikat fil-prova uffiċjali meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 6. |

Or. en

**Emenda 233**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10b – paragrafu 1 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10h biex jissupplimentaw din id-Direttiva billi taġġorna l-lista tal-fjuwils alternattivi msemmija fl-Artikolu 2 li jeħtieġu piż addizzjonali. Hu partikolarment importanza li l- | Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10h biex jissupplimentaw din id-Direttiva billi taġġorna l-lista tal-fjuwils alternattivi msemmija fl-Artikolu 2 li jeħtieġu piż addizzjonali***, sakemm dawn iż-żidiet ikunu għal vettura biex tikkonforma*** |

| | |
|---|---|
| Kummissjoni timxi bil-prattika tas-soltu tagħha u twettaq konsultazzjonijiet ma' esperti, inkluż mal-esperti tal-Istati Membri, qabel tadotta dawk l-atti delegati. | ***mal-punt 11 tal-Artikolu 3 fir-Regolament (UE) 2019/1242[1a]***. Hu partikolarment importanza li l-Kummissjoni timxi bil-prattika tas-soltu tagħha u twettaq konsultazzjonijiet ma' esperti, inkluż mal-esperti tal-Istati Membri, qabel tadotta dawk l-atti delegati.<br>__________________<br>***[1a] Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE*** |

Or. en

**Emenda 234**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. It-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I għall-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, jistgħu jinqabżu bit-tul addizzjonali meħtieġ biex tiġi akkomodata t-teknoloġija bl-emissjonijiet żero, b'massimu ta' 90cm, biex ikunu jistgħu jiżdiedu dawk l-apparati. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom jikkonformaw mal-punti 1.5 u 1.5a tal-Anness I ta' din id-Direttiva, u kull qbiż tat-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fit-tul tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi, biex*** | ***imħassar*** |

***tkun żgurata l-kompatibbiltà tat-trejlers u tas-semitrejlers mar-rekwiżiti għall-operazzjonijiet tat-trasport intermodali.***

***It-tul addizzjonali meħtieġ mill-vetturi bl-emissjonijiet żero għandu jiġi definit abbażi tad-dokumentazzjoni mogħtija mill-manifattur meta l-vettura inkwistjoni tiġi approvata. Dak it-tul addizzjonali għandu jiġi indikat fil-prova uffiċjali meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 6.".***

Or. en

**Emenda 235**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10b – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex tqis ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 3.4.2, 3.4.3 u 3.4.4 tal-Anness I.*** |

Or. en

**Emenda 236**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 2004/53/KE
Artikolu 10c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I, soġġetti meta applikabbli għall-Artikoli 9a(1) u 10b(2), u d-distanza | It-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I, soġġetti meta applikabbli għall-Artikoli 9a(1) u 10b(2), u d-distanza |

| | |
|---|---|
| massima stipulata fil-punt 1.6 tal-Anness I, jistgħu jinqabżu bi 15cm għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi involuti fit-trasport tal-kontejners ta' 45 pied jew tal-kaxxi skambjabbli ta' 45 pied, vojta jew mgħobbija, diment li t-trasport bit-triq tal-kontejner jew tal-kaxxa skambjabbli inkwistjoni jkun parti minn operazzjoni tat-trasport intermodali.; | massima stipulata fil-punt 1.6 tal-Anness I, jistgħu jinqabżu bi 15cm għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi involuti fit-trasport tal-kontejners ta' 45 pied jew tal-kaxxi skambjabbli ta' 45 pied, vojta jew mgħobbija, diment li t-trasport bit-triq tal-kontejner jew tal-kaxxa skambjabbli inkwistjoni jkun parti minn operazzjoni tat-trasport intermodali. ***Kontejners u kaxxi skambjabbli ta' 45 pied jew itwal li huma parti minn operazzjoni ta' trasport intermodali jistgħu wkoll jinġarru b'kombinazzjoni ta' vettura artikolata ma' semitrejler b'tul sa 15-il metru sakemm jitħarsu l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 4(1) u (2)"***; |

Or. en

**Emenda 237**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I, soġġetti meta applikabbli għall-Artikoli 9a(1) u 10b(2), u d-distanza massima stipulata fil-punt 1.6 tal-Anness I, jistgħu jinqabżu ***bi 15cm*** għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi involuti fit-trasport tal-kontejners ta' 45 pied jew tal-kaxxi skambjabbli ta' 45 pied, vojta jew mgħobbija, diment li t-trasport bit-triq tal-kontejner jew tal-kaxxa skambjabbli inkwistjoni jkun parti minn operazzjoni tat-trasport intermodali."; | It-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I, soġġetti meta applikabbli għall-Artikoli 9a(1) u 10b(2), u d-distanza massima stipulata fil-punt 1.6 tal-Anness I, jistgħu jinqabżu għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi involuti fit-trasport tal-kontejners ta' 45 pied ***jew 48 pied*** jew tal-kaxxi skambjabbli ta' 45 pied, vojta jew mgħobbija, diment li t-trasport bit-triq tal-kontejner jew tal-kaxxa skambjabbli inkwistjoni jkun parti minn operazzjoni tat-trasport intermodali."; |

Or. en

**Emenda 238**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Is-sistemi awtomatiċi ċċertifikati għandhom ikunu konnessi mal-punt tad-dħul nazzjonali uniku għal permessi speċjali jew arranġament simili stipulat fl-Artikolu 4a sabiex ikunu jistgħu jirrikonoxxu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jaqbżu l-piżijiet massimi awtorizzati u li għandhom permess speċjali.*** |

Or. en

**Emenda 239**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1 – it-tieni subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jekk Stat Membru jagħżel li jistabbilixxi sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, dan għandu jiżgura bħala minimu l-adozzjoni ta' dawk is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013*. | Jekk Stat Membru jagħżel li jistabbilixxi sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, dan għandu jiżgura bħala minimu l-adozzjoni ta' dawk is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013*. ***Is-sistemi awtomatiċi għandhom ikunu kapaċi, jekk teknikament possibbli, jidentifikaw vetturi jew kombinazzjonijiet b'permess speċjali u jgħaqqdu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permess mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika jridu jkunu kapaċi jidentifikaw vetturi jew kombinazzjonijiet li jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati iżda għandhom deroga bbażata fuq permess speċjali. Il-vetturi b'permess speċjali ma għandhomx jirċievu penali mhux ġustifikati minħabba informazzjoni pprovduta minn sistema ta' identifikazzjoni awtomatika.*

**Emenda 240**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1 – it-tieni subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jekk Stat Membru jagħżel li jistabbilixxi sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, dan għandu jiżgura bħala minimu l-adozzjoni ta' dawk is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013*. | Jekk Stat Membru jagħżel li jistabbilixxi sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, dan għandu jiżgura bħala minimu l-adozzjoni ta' dawk is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013*. ***Is-sistemi awtomatiċi għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw vetturi jew kombinazzjonijiet b'permess speċjali u jgħaqqdu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permess mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati.*** |

Or. en

**Emenda 241**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1 – it-tielet subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Stat Membru ma għandux jeżiġi l-*** | ***Fi żmien 4 snin mid-dħul fis-seħħ ta' din*** |

| | |
|---|---|
| ***installazzjoni tat-tagħmir tal-użin abbord fuq vetturi jew kombinazzjonijiet*** tal-vetturi ***li huma rreġistrati fi Stat Membru ieħor***. | ***id-Direttiva, il-vetturi kollha u l-kombinazzjonijiet*** tal-vetturi ***kollha għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir tal-użin abbord li jkun imqabbad mat-takografi abbord***. |

Or. en

**Emenda 242**
**Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1 – it-tielet subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Stat Membru ma għandux jeżiġi l-installazzjoni tat-tagħmir tal-użin abbord fuq vetturi jew kombinazzjonijiet*** tal-vetturi ***li huma rreġistrati fi Stat Membru ieħor***. | ***Fi żmien 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-vetturi kollha u l-kombinazzjonijiet*** tal-vetturi ***kollha għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir tal-użin abbord***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minflok ma tibbaża biss fuq sistemi ta' użin installati sporadikament fuq infrastrutturi tat-toroq (li jistgħu jiġu evitati faċilment permezz ta' rotot alternattivi li x'aktarx jispiċċaw konġestjonati), se jinkiseb infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni tat-toroq permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ kontinwu tal-piż abbord ibbażati fuq sensuri tal-piż konnessi mat-takografi diġà eżistenti.*

**Emenda 243**
**Kosma Złotowski**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni | Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni |

| | |
|---|---|
| u għal-liġi nazzjonali, meta jintużaw sistemi awtomatiċi biex jiġi stabbilit ksur ta’ din id-Direttiva u biex jiġu imposti penali, dawk is-sistemi awtomatiċi għandhom jiġu ċċertifikati. Meta s-sistemi awtomatiċi jintużaw biss għal finijiet ta’ identifikazzjoni, ma hemmx bżonn li jiġu ċċertifikati. | u għal-liġi nazzjonali, meta jintużaw sistemi awtomatiċi biex jiġi stabbilit ksur ta’ din id-Direttiva u biex jiġu imposti penali, dawk is-sistemi awtomatiċi għandhom jiġu ċċertifikati. ***Dawn is-sistemi jridu jkunu marbuta wkoll mas-sistema ta’ liċenzjar elettronika tat-trasport mhux standard sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw vetturi awtorizzati li jġorru tagħbijiet indiviżibbli.*** Meta s-sistemi awtomatiċi jintużaw biss għal finijiet ta’ identifikazzjoni, ma hemmx bżonn li jiġu ċċertifikati. |

Or. pl

**Emenda 244**
**Markus Ferber, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1 – ir-raba’ subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għal-liġi nazzjonali, meta jintużaw sistemi awtomatiċi biex jiġi stabbilit ksur ta’ din id-Direttiva u biex jiġu imposti penali, dawk is-sistemi awtomatiċi għandhom jiġu ċċertifikati. Meta s-sistemi awtomatiċi jintużaw biss għal finijiet ta’ identifikazzjoni, ma hemmx bżonn li jiġu ċċertifikati. | Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għal-liġi nazzjonali, meta jintużaw sistemi awtomatiċi biex jiġi stabbilit ksur ta’ din id-Direttiva u biex jiġu imposti penali, dawk is-sistemi awtomatiċi għandhom jiġu ċċertifikati. ***Dawn is-sistemi għandhom ikunu wkoll konnessi ma’ sistema ta’ liċenzjar elettroniku għal trasporti anormali sabiex jiġu rikonoxxuti vetturi permessi li jġorru tagħbijiet indiviżibbli.*** Meta s-sistemi awtomatiċi jintużaw biss għal finijiet ta’ identifikazzjoni, ma hemmx bżonn li jiġu ċċertifikati. |

Or. en

**Emenda 245**
**Ciarán Cuffe**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10d – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'kull sena kalendarja, kull Stat Membru għandu jwettaq mill-inqas ***sitt kontrolli*** għal kull miljun kilometru-vettura vvjaġġati minn vetturi jew kombinazzjonijiet tal-vetturi użati għat-trasport tal-merkanzija u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fit-territorju tiegħu fuq il-piżijiet ta' dawk il-vetturi jew ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi, irrispettivament mill-pajjiż tar-reġistrazzjoni ta' dawk il-vetturi jew mill-pajjiż fejn dawk il-vetturi jkunu tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni. Il-kontrolli tal-konformità għandhom jinkludu ***għadd xieraq ta'*** kontrolli ***mwettqa*** billejl."; | F'kull sena kalendarja, kull Stat Membru għandu jwettaq mill-inqas ***20 kontroll*** għal kull miljun kilometru-vettura vvjaġġati minn vetturi jew kombinazzjonijiet tal-vetturi użati għat-trasport tal-merkanzija u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fit-territorju tiegħu fuq il-piżijiet ta' dawk il-vetturi jew ta' dawk il-kombinazzjonijiet tal-vetturi, irrispettivament mill-pajjiż tar-reġistrazzjoni ta' dawk il-vetturi jew mill-pajjiż fejn dawk il-vetturi jkunu tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni. Il-kontrolli tal-konformità għandhom jinkludu ***mill-inqas 5*** kontrolli ***għal kull miljun vettura-kilometru vvjaġġati*** billejl."; |

Or. en

**Emenda 246**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10da – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta Stat Membru jimplimenta l-IAP skont il-paragrafu 1, dan għandu jiżgura li l-iskemi tal-IAP tagħhom ikunu konformi mad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data relatata mal-iskema tal-IAP u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE, inkluż ir- | 2. Meta Stat Membru jimplimenta l-IAP skont il-paragrafu 1, dan għandu jiżgura li l-iskemi tal-IAP tagħhom ikunu konformi mad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data relatata mal-iskema tal-IAP u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE, inkluż ir- |

restrizzjonijiet fuq il-piż, it-tul, il-wisa' jew l-għoli, tkun disponibbli b'format diġitali li jinqara mill-magni u ssir aċċessibbli mill-Punti tal-Aċċess Nazzjonali stabbiliti skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670**.

restrizzjonijiet fuq il-piż, it-tul, il-wisa' jew l-għoli, tkun disponibbli b'format diġitali li jinqara mill-magni u ssir aċċessibbli mill-Punti tal-Aċċess Nazzjonali stabbiliti skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670**. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-iskema tal-IAP tkun kapaċi tidentifika vetturi u kombinazzjonijiet b'permess speċjali u tgħaqqad il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permess mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati.***

Or. en

**Emenda 247**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10da – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta Stat Membru jimplimenta l-IAP skont il-paragrafu 1, dan għandu jiżgura li l-iskemi tal-IAP tagħhom ikunu konformi mad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data relatata mal-iskema tal-IAP u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE, inkluż ir-restrizzjonijiet fuq il-piż, it-tul, il-wisa' jew l-għoli, tkun disponibbli b'format diġitali li jinqara mill-magni u ssir aċċessibbli mill-Punti tal-Aċċess Nazzjonali stabbiliti skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670**. | 2. Meta Stat Membru jimplimenta l-IAP skont il-paragrafu 1, dan għandu jiżgura li l-iskemi tal-IAP tagħhom ikunu konformi mad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data relatata mal-iskema tal-IAP u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE, inkluż ir-restrizzjonijiet fuq il-piż, it-tul, il-wisa' jew l-għoli, tkun disponibbli b'format diġitali li jinqara mill-magni u ssir aċċessibbli mill-Punti tal-Aċċess Nazzjonali stabbiliti skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670**. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-iskema tal-IAP tkun kapaċi tidentifika vetturi u kombinazzjonijiet b'permess speċjali u tgħaqqad il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permess mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-IAP trid tkunu kapaċi tidentifika vetturi jew kombinazzjonijiet li jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati iżda għandhom deroga bbażata fuq permess speċjali. Il-vetturi b'permess speċjali ma għandhomx jirċievu penali mhux ġustifikati minħabba informazzjoni pprovduta minn sistema ta' identifikazzjoni awtomatika.*

**Emenda 248**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10da – paragrafu 3 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiddefinixxi l-kriterji għall-għoti tal-aċċess għall-vetturi tqal, inkluż iżda mhux limitati għall-piż, it-tul, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-vettura, u l-konformità ma' standards speċifiċi tas-sikurezza; | (a) jiddefinixxi l-kriterji għall-għoti tal-aċċess għall-vetturi tqal, inkluż iżda mhux limitati għall-piż, it-tul, ***l-għoli,*** l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-vettura, u l-konformità ma' standards speċifiċi tas-sikurezza; |

Or. en

**Emenda 249**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10e – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Fl-Artikolu 10e, jiżdied il-paragrafu l-ġdid li ġej:*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dħul iġġenerat minn dawn il-penali jintuża biex jiżviluppa u jappoġġa operazzjonijiet tat-trasport intermodali, inaqqas il-kostijiet esterni ġġenerati mill-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq u jtejjeb l-operazzjonijiet tat-trasport transfruntier għall-modi tat-trasport bil-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ferrovija u fuq l-ilma.*** |

Or. en

**Emenda 250**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10b – punt 15

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(15) fl-Artikolu 10f(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"*** | |
| ***(a) l-ispeditur għandu jagħti dikjarazzjoni lit-trasportatur bit-triq fdat bit-trasport ta' kontejner jew kaxxa skambjabbli, li tkun tindika l-piż u l-għoli tal-kontejner jew tal-kaxxa skambjabbli trasportati; u;*** | |
| ***"*** | |

Or. en

**Emenda 251**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 1 u, abbażi tal-informazzjoni li tirċievi, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, | 2. Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 1 u, abbażi tal-informazzjoni li tirċievi, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, |

| | |
|---|---|
| mhux aktar tard minn ***13-il*** xahar wara li tirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri kollha. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi rilevanti fl-oqsma inkwistjoni. | mhux aktar tard minn ***12-il*** xahar wara li tirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri kollha. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi rilevanti fl-oqsma inkwistjoni. |

Or. en

**Emenda 252**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10ga (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) jiddaħħal l-Artikolu 10ga li ġej:*** |
| | ***Artikolu 10ga*** |
| | ***Forum dwar l-Aħjar Prattiċi tal-EMS*** |
| | ***1. Għandu jitwaqqaf Forum tal-Aħjar Prattiki tal-EMS sabiex jappoġġa d-djalogu u jaqsam l-esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar il-vetturi tal-EMS fl-Unjoni fost l-esperti tal-Istati Membri u l-membri tal-Kumitat tat-Trasport bit-Triq.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jiddelegaw bħala esperti lill-Forum tal-Aħjar Prattiki tal-EMS l-esperti li jipparteċipaw fil-Kumitat tat-Trasport bit-Triq imsemmi fl-Artikolu 10i.*** |
| | ***3. Il-partijiet ikkonċernati, ir-rappreżentanti tal-manifatturi tal-vetturi, ir-rappreżentanti tal-operaturi tat-trasport u s-sħab soċjali jistgħu jiġu mistiedna għall-Forum tal-Aħjar Prattiki tal-EMS.*** |
| | ***4. Il-Forum tal-Aħjar Prattiki tal-EMS għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.*** |
| | ***5. Il-Forum tal-Aħjar Prattiki tal-EMS għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-vetturi tal-EMS qed jintużaw f'xi Stati Membri iżda mhux f'oħrajn. Hekk kif jiżdiedu ċ-ċirkolazzjoni u l-ġbir tad-data dwar il-vetturi tal-EMS, ikun ta' benefiċċju li jinħolqu opportunitajiet għall-Istati Membri biex jaqsmu l-esperjenzi, l-għarfien u l-aħjar prattiki fejn jidħlu vetturi tal-EMS fil-forma ta' Forum tal-Aħjar Prattiki tal-EMS.*

**Emenda 253**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10j

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) ***jitħassar*** l-Artikolu 10j***;*** | (19) l-Artikolu 10j ***huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***Sa [erba' snin wara d-dħul fis-seħħ], u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni dettaljata tal-effetti ta' din id-Direttiva fuq is-sikurezza fit-toroq, l-infrastruttura tat-toroq, il-kompetittività tas-settur, il-konnettività, u ċ-ċaqliq modali. Jenħtieġ li r-rapport jivvaluta speċifikament l-effetti tas-Sistemi Modulari Ewropej użati fit-trasport nazzjonali biex jifhmu aħjar il-konsegwenzi li jitħallew joperaw. Bħala parti minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll sa liema punt l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva laħqet l-objettivi u l-interazzjoni tagħha ma' atti legali rilevanti oħra tal-Unjoni. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 254**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10ja (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) jiddaħħal l-Artikolu 10ja li ġej:*** |
| | ***Artikolu 10ja*** |
| | ***Rieżami*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-2027, tirrieżamina l-effettività u l-impatt ta' din id-Direttiva, il-fattibbiltà tad-dati stabbiliti fl-Artikolu 4b u l-kompatibbiltà tagħha ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultat tar-rieżami. Ir-rapport għandu, meta xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta biex tiġi emendata din id-Direttiva bbażata fuq is-sejbiet tar-rieżami u valutazzjoni tal-impatt.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-istat tal-kundizzjonijiet abilitanti għall-adozzjoni fis-suq ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero fl-Unjoni. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari l-elementi li ġejjin iżda mhux lilhom biss:*** |
| | ***(a) l-ammont ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero fl-Istati Membri,*** |
| | ***(b) il-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil li tkun xierqa għall-vetturi tqal fl-Istati Membri,*** |
| | ***(c) l-implimentazzjoni tal-pedaġġi tat-triq differenzjati skont l-emissjonijiet tas-CO2 fl-Istati Membri,*** |
| | ***(d) il-livell tal-prezz medju tal-kwoti skont*** |

| | |
|---|---|
| | ***is-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li tkopri t-trasport bit-triq*** |
| | ***(e) miżuri oħra li jappoġġaw l-adozzjoni ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero.*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10k – ir-raba' subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kriżi tfisser avveniment eċċezzjonali, mhux mistenni u għal għarrieda, naturali jew magħmul mill-bniedem ta' natura u bi skala straordinarja li jiġri fl-Unjoni jew barra minnha, b'impatti diretti jew indiretti sinifikanti fuq il-qasam tat-trasport bit-triq jew l-ekonomija jew il-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, filwaqt li l-funzjonament normali tas-soċjetà jitfixkel b'mod sinifikanti, u l-interess pubbliku jkun jeżiġi li tittieħed azzjoni urġenti.; | Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kriżi tfisser avveniment eċċezzjonali, mhux mistenni u għal għarrieda, naturali jew magħmul mill-bniedem ta' natura u bi skala straordinarja li jiġri fl-Unjoni jew barra minnha, b'impatti diretti jew indiretti sinifikanti fuq il-qasam tat-trasport bit-triq jew l-ekonomija***, is-sikurezza*** jew il-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, filwaqt li l-funzjonament normali tas-soċjetà jitfixkel b'mod sinifikanti, u l-interess pubbliku jkun jeżiġi li tittieħed azzjoni urġenti.; |

Or. en

**Emenda 256**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Emendi għar-Regolament (UE) 2018/858*** |

***L-Artikolu 3(17) tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***(17) "trejler" tfisser kwalunkwe vettura mhux awtopropulsiva, li hija mfassla u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-magna u tinkludi semitrejlers. Madankollu, it-trejler jista' jiġi mbuttat biex isostni l-moviment mingħajr ma jiġu applikati forzi ta' propulsjoni meta ma jkunx akkoppjat ma' vettura tal-irmonk.;***

***L-Artikolu 3(33) tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***(33) "semitrejler" Vettura rmunkata, fejn il-fus(ien) huwa/huma ppożizzjonat(i) wara ċ-ċentru tal-gravità tal-vettura (meta tkun mgħobbija b'mod uniformi) u li tkun mgħammra b'apparat ta' konnessjoni li jippermetti l-forzi vertikali jew orizzontali jiġu trażmessi lejn il-vettura tal-irmonk. Wieħed jew aktar mill-fusien jistgħu jinstaqu biex isostnu l-vettura tal-irmonk, u kontribut għall-forzi tal-propulsjoni tal-kombinazzjoni tal-vettura huwa permess fil-veloċitajiet kollha. Biex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-kombinazzjoni tal-vettura, il-forzi tal-propulsjoni tas-semitrejler ma għandhomx jaqbżu dawk tal-vettura tal-irmonk f'veloċitajiet ogħla minn 15 km/h.;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Irid jiġi żgurat li l-operaturi tat-trasport interessati li jinvestu f'vetturi bil-magna, trejlers u semitrejlers b'emissjonijiet żero jew aktar effiċjenti fl-enerġija jistgħu jagħmlu dan mingħajr xkiel minn flussi legali. Il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għadha ma tiffaċilitax l-approvazzjoni tat-tip ta' trejlers u semitrejlers b'sistema ta' propulsjoni awżiljarja, ostaklu serju ħafna għall-adozzjoni u l-użu tagħhom fis-suq.*

**Emenda 257**
**Ciarán Cuffe**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Emendi għar-Regolament (UE) 2019/2144*** |
| | ***Fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/2144, jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:*** |
| | ***4a. Il-vetturi tal-kategoriji M1 u N1 għandu jkollhom il-wisa' massima awtorizzata li ġejja:*** |
| | ***1. M1: 1,921 m ħlief għal vetturi M1 b'mill-inqas 10 metri kubi ta' spazju intern, li għalihom il-limitu tal-wisa' għandu jkun ta' 2,07 m*** |
| | ***2. N1: 1,921m ħlief għal vetturi N1 b'mill-inqas 7 metri kubi ta' spazju intern, li għalihom il-limitu tal-wisa' għandu jkun ta' 2,07m*** |
| | ***3. N1: 2,60 m għall-vetturi mgħammra b'karozzerija b'ħitan iżolati ta' ħxuna ta' mill-anqas 45 mm, b'kodiċi tal-karozzerija 04 jew 05, kif imsemmi fl-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858*** |
| | ***Ir-rekwiżiti msemmija fil-punti 1 u 2 tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2028 għall-vetturi li jarmu emissjonijiet mill-iżbokk tal-egżost, u mill-1 ta' Jannar 2032 għal vetturi b'emissjonijiet żero.*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar | 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar |

| | |
|---|---|
| tard minn [id-data tal-adozzjoni + ***sentejn***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. | tard minn [id-data tal-adozzjoni + ***sena***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba ż-żmien, id-dispożizzjonijiet riveduti dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet għandhom isiru applikabbli malajr kemm jista' jkun. It-traspożizzjoni nazzjonali għandha għalhekk tiġi aċċellerata kemm jista' jkun.*

**Emenda 259**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [id-data tal-adozzjoni + ***sentejn***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. | 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [id-data tal-adozzjoni + ***sena***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija leġiżlazzjoni essenzjali għas-settur tat-trasport bit-triq u għalhekk huwa importanti li ssir applikabbli kemm jista' jkun malajr. Għalhekk, it-traspożizzjoni nazzjonali ma għandhiex taqbeż sena wara l-adozzjoni.*

**Emenda 260**
**Kateřina Konečná**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [id-data tal-adozzjoni + ***sentejn***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. | 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [id-data tal-adozzjoni + ***sena***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. |

Or. en

**Emenda 261**
**Isabel García Muñoz, Inma Rodríguez-Piñero, Thomas Rudner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar | 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar |

| | |
|---|---|
| tard minn [id-data tal-adozzjoni + ***sentejn***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. | tard minn [id-data tal-adozzjoni + ***sena***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. |

Or. en

**Emenda 262**
**Colm Markey**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-wisa' massima fid-dritt tal-UE għal vetturi ħfief u, jekk ikun xieraq, tressaq proposti leġiżlattivi li japplikaw għal reġistrazzjonijiet ġodda minn data jew dati xierqa.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tal-wisa' li qed tespandi tal-vetturi tal-passiġġieri ħfief (jiġifieri karozzi, crossovers, SUVs u trakkijiet pick-up), biex ikun hemm ċarezza leġiżlattiva li l-wisa' massima tagħhom se tiġi rieżaminata fi żmien definit.*

**Emenda 263**
**Marianne Vind, Vera Tax, Kathleen Van Brempt**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-wisa' massima fid-dritt tal-UE għal vetturi ħfief u tressaq proposti leġiżlattivi li japplikaw għal reġistrazzjonijiet ġodda minn data jew dati xierqa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tal-wisa' li qed tespandi tal-vetturi tal-passiġġieri ħfief (jiġifieri karozzi, crossovers, SUVs u trakkijiet pick-up), biex ikun hemm ċarezza leġiżlattiva li l-wisa' massima tagħhom se tiġi rieżaminata fi żmien definit.*

**Emenda 264**
**Clare Daly, Leila Chaibi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-wisa' massima fid-dritt tal-UE għal vetturi ħfief u tressaq proposti leġiżlattivi li japplikaw għal reġistrazzjonijiet ġodda minn data jew dati xierqa.*** |

Or. en

**Emenda 265**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – tabella – punt 1.1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 1. Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a) | | |
| 1.1 It-tul massimu: | | |
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — karru | 12,00 m |
| | — vettura artikolata | ***16,50 m*** |
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikolata | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + karru | 18,75 m |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| 1. Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a) | | |
| 1.1 It-tul massimu: | | |
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — karru | 12,00 m |
| | — vettura artikolata | **18,00 m** |
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikolata ***bi tliet fusien*** | 18,75 m |
| | ***— karozza tal-linja artikolata b'erba' fusien*** | ***21,00 m*** |

| | | |
|---|---|---|
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + karru | 18,75 m |

Or. en

**Emenda 266**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 1.1 u punt 2.5 (ġodda)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| 1.1 It-tul massimu: | | |
|---|---|---|
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — karru | 12,00 m |
| | — vettura artikolata | 16,50 m |
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikolata | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + karru | 18,75 m |

*Emenda*

| 1.1 It-tul massimu: | | |
|---|---|---|
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — karru | 12,00 m |

| | | |
|---|---|---|
| | — vettura artikolata | 16,50 m |
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikolata ***bi tliet fusien*** | 18,75 m |
| | ***— karozza tal-linja artikolata b'erba' fusien*** | ***21,00 m*** |
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + karru | 18,75 m |
| ***Karozzi tal-linja artikolati b'erba' fusien*** | | ***32 tunnellata*** |
| | ***Fil-każ tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piż massimu awtorizzat ta' 32 tunnellata previst fis-Subtaqsima 2.5 jiżdied bil-piż addizzjonali meħtieġ għat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata.*** | |
| | ***Fil-każ tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piż massimu awtorizzat ta' 32 tunnellata previst fis-Subtaqsima 2.5 jiżdied b'żewġ tunnellati.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda żżid kategorija separata għal karozzi tal-linja artikolati b'erba' fusien sabiex din il-leġiżlazzjoni tibqa' aktar valida fil-futur. Dawn il-karozzi tal-linja qed jintużaw dejjem aktar iżda għadhom ma tqisux bħala kategorija separata.*

**Emenda 267**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 1.1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 It-tul massimu: | | |
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — karru | 12,00 m |
| | — vettura artikolata | 16,50 m |

| | | |
|---|---|---|
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikolata | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + karru | 18,75 m |

*Emenda*

| 1.1 It-tul massimu: | | |
|---|---|---|
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — karru | 12,00 m |
| | — vettura artikolata | 16,50 m |
| | ***— vettura artikolata tat-trasport ta' kontejners ta' 45-pied jew kaxxi skambjabbli involuti fit-trasport intermodali*** | ***18,00 m*** |
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikolata ***bi tliet fusien*** | 18,75 m |
| | ***— karozza tal-linja artikolata b'erba' fusien*** | ***21,00 m*** |
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + karru | 18,75 m |

Or. en

**Emenda 268**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 1.3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 1.3 L-għoli massimu: | | |
| | — kwalunkwe vettura: | 4,00 m |
| | — vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li fit-trasport intermodali jġorru kontejner wieħed jew aktar b'għoli estern standard ta' 9'6'' (kontejners b'kubu għoli) | ***4,30*** m |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| 1.3 L-għoli massimu: | | |
| | — kwalunkwe vettura: | 4,00 m |
| | — vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li fit-trasport intermodali jġorru kontejner wieħed jew aktar b'għoli estern standard ta' 9'6'' (kontejners b'kubu għoli) | ***4,00*** m |

Or. en

**Emenda 269**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 1.1 u punt 1.6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 It-tul massimu: | | |
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — karru | 12,00 m |
| | — vettura artikolata | ***16,50*** m |
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikolata | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + karru | 18,75 m |
| 1.6 Id-distanza massima bejn l-assi tal-pern tal-ħames rota u wara tas-semikarru. | | ***12,00 m*** |

*Emenda*

| 1.1 It-tul massimu: | | |
|---|---|---|
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — karru | 12,00 m |
| | — vettura artikolata | ***18,00*** m |
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikolata | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + karru | 18,75 m |
| 1.6 Id-distanza massima bejn l-assi tal-pern tal-ħames rota u wara tas-semikarru. | | ***13,50*** m |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Billi t-tul massimu jiġi estiż b'1,5 metri biss, kemm il-kontejner ta' 45'- kif ukoll dak ta' 48' jistgħu jiġu ttrasportati. Dan isaħħaħ l-intermodalità. Barra minn hekk, il-kontejner ta' 48' jippermetti madwar 30 % aktar volum ta' trasport bi kważi l-istess kost meta mqabbel mal-kontejner ta' 40'. Din l-effiċjenza akbar tnaqqas is-$CO_2$ u għandha effett pożittiv fuq in-nuqqas ta' sewwieqa, peress li huma meħtieġa inqas sewwieqa biex jittrasportaw l-istess volum ta' merkanzija. Din l-estensjoni żżid biss il-volum trasportabbli, iżda ma tbiddilx il-piż totali permissibbli. Għalhekk, ma hemm l-ebda piż addizzjonali fuq l-infrastruttura tat-toroq.*

**Emenda 270**
**Ciarán Cuffe**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – tabella – punt 2.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2.2 Il-kombinazzjoni tal-vetturi | | | | |
| | 2.2.1 | Ferroviji tat-triq b'ħames fusien jew sitta | | |
| | | (a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'karru bi tliet fusien | | 40 tunnellata |
| | | (b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'karru b'żewġ fusien jew tlieta | | 40 tunnellata |
| | 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta | 40 tunnellata |
| | | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | ***42*** tunnellata |
| | | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |
| | 2.2.3 | ferroviji tat-triq b'erba' fusien li jikkonsisitu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusieb u karru b'żewġ fusien | | 36 tunnellata |
| | 2.2.4 | Vetturi artikolati b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u semikarru b'żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semikarru: | | |
| | | 2.2.4.1 | hija 1,3 m jew akbar imma mhux aktar minn 1,8 m | 36 tunnellata |
| | | 2.2.4.2 | hija akbar minn 1,8 m | 36 tunnellata |
| | | | Jekk jiġu rrispettati l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata) u l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-fus tandem tas-semikarru (20 tunnellata), u l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, il-piż massimu awtorizzat previst fil-punt 2.2.4.2 għandu jiżdied b'2 tunnellati. | |
| | Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonali tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata. | | | |
| | Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.1 u 2.2.2 għandhom jiżdiedu b'4 tunnellati. | | | |

| | |
|---|---|
| | Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.3 u 2.2.4 għandhom jiżdiedu b’2 tunnellati. |

*Emenda*

<table>
<tr><td colspan="4">2.2 Il-kombinazzjoni tal-vetturi</td></tr>
<tr><td rowspan="3">2.2.1</td><td colspan="3">Ferroviji tat-triq b’ħames fusien jew sitta</td></tr>
<tr><td colspan="2">(a) vettura bil-mutur b’żewġ fusien u b’karru bi tliet fusien</td><td>40 tunnellata</td></tr>
<tr><td colspan="2">(b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b’karru b’żewġ fusien jew tlieta</td><td>40 tunnellata</td></tr>
<tr><td rowspan="5">2.2.2</td><td colspan="3">Vetturi artikolati b’ħames fusien jew sitta</td></tr>
<tr><td>(a)</td><td>vettura bil-mutur b’żewġ fusien u b’semikarru bi tliet fusien</td><td>40 tunnellata</td></tr>
<tr><td>(b)</td><td>vettura bil-mutur bi tliet fusien u b’semikarru b’żewġ fusien jew tlieta</td><td>40 tunnellata</td></tr>
<tr><td>(c)</td><td>vettura bil-mutur b’żewġ fusien u b’semikarru bi tliet fusien involuta f’operazzjonijiet tat-trasport intermodali</td><td>44 tunnellata</td></tr>
<tr><td>(d)</td><td>vettura bil-mutur bi tliet fusien u b’semikarru b’żewġ fusien jew tlieta involuta f’operazzjonijiet tat-trasport intermodali</td><td>44 tunnellata</td></tr>
<tr><td>2.2.3</td><td colspan="2">ferroviji tat-triq b’erba’ fusien li jikkonsisitu f’vettura bil-mutur b’żewġ fusieb u karru b’żewġ fusien</td><td>36 tunnellata</td></tr>
<tr><td rowspan="4">2.2.4</td><td colspan="3">Vetturi artikolati b’erba’ fusien li jikkonsistu f’vettura bil-mutur b’żewġ fusien u semikarru b’żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semikarru:</td></tr>
<tr><td>2.2.4.1</td><td>hija 1,3 m jew akbar imma mhux aktar minn 1,8 m</td><td>36 tunnellata</td></tr>
<tr><td rowspan="2">2.2.4.2</td><td>hija akbar minn 1,8 m</td><td>36 tunnellata</td></tr>
<tr><td colspan="2">Jekk jiġu rrispettati l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata) u l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-fus tandem tas-semikarru (20 tunnellata), u l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b’tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, il-piż massimu awtorizzat previst fil-punt 2.2.4.2 għandu jiżdied b’2 tunnellati.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi li jaħdmu b’mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonali tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bil-mutur bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.1 u 2.2.2 għandhom jiżdiedu b’4 tunnellati. Din</td></tr>
</table>

| |
|---|
| ***il-kwota ta' piż għal kombinazzjonijiet ta' vetturi b'emissjonijiet żero għandha tkun applikabbli kemm għat-traffiku nazzjonali kif ukoll għal dak internazzjonali.*** |
| Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi ***bil-mutur*** bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.3 u 2.2.4 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati. ***Din il-kwota ta' piż għal kombinazzjonijiet ta' vetturi b'emissjonijiet żero għandha tkun applikabbli kemm għat-traffiku nazzjonali kif ukoll għal dak internazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 271**
**Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 2.2.1 u punt 2.2.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.1 | Ferroviji tat-triq b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'karru bi tliet fusien | | 40 tunnellata |
| | (b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'karru b'żewġ fusien ***jew tlieta*** | | 40 tunnellata |
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien ***jew tlieta*** | 40 tunnellata |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 42 tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| 2.2.1 | Ferroviji tat-triq b'ħames fusien jew sitta | |
| | (a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'karru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'karru b'żewġ fusien | 40 tunnellata |
| | ***(ba) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'karru bi tliet fusien*** | ***44*** tunnellata |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien | 40 tunnellata |
| | ***(ba)*** | ***vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru bi tliet fusien*** | ***44 tunnellata*** |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Min-naħa waħda, iż-żieda fil-piż totali b'erba' tunnellati ttejjeb l-effiċjenza tat-trasport tal-merkanzija. Din l-effiċjenza akbar tnaqqas is-CO2 u għandha effett pożittiv fuq in-nuqqas ta' sewwieqa, peress li huma meħtieġa inqas sewwieqa biex jittrasportaw l-istess volum ta' merkanzija. Min-naħa l-oħra, dan iżid tkagħbir bl-użu fit-triq. Il-proposta hija kompromess ibbilanċjat. Billi jitħallew biss vetturi bi 3+3 fusien jittrasportaw il-piż żejjed, it-tagħbija addizzjonali tinfirex fuq fus wieħed ieħor, li jtaffi l-iżvantaġġ filwaqt li jżomm il-vantaġġi ta' trasport tal-merkanzija aktar effiċjenti.*

**Emenda 272**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 2.2.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta | 40 tunnellata |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | ***42*** tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta | 40 tunnellata |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | ***44*** tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |

Or. en

**Emenda 273**
**Peter Lundgren**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 2.2.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien ***jew tlieta*** | 40 tunnellata |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 42 tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien ***jew tlieta*** involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien | 40 tunnellata |
| | ***(ba)*** | ***vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru bi tliet fusien*** | ***46 tunnellata*** |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 42 tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |
| | ***(da)*** | ***vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali*** | ***46 tunnellata*** |

Or. en

**Emenda 274**
**Marco Campomenosi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 2.2.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta | 40 tunnellata |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | ***42*** tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta | 40 tunnellata |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | ***44*** tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | 44 tunnellata |

Or. en

**Emenda 275**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 2.2.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien ***jew tlieta*** | 40 tunnellata |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | ***42*** tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | ***44*** tunnellata |

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.2 | Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta | | |
| | (a) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien | 40 tunnellata |
| | (b) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien | 40 tunnellata |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***(ba)*** | ***vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru bi tliet fusien*** | ***44 tunnellata*** |
| | (c) | vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali ***jew vettura b'żewġ fusien b'emissjonijiet żero jew bi fjuwil alternattiv b'semikarru bi tliet fusien*** | ***44*** tunnellata |
| | (d) | vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali ***jew vettura b'żewġ fusien b'emissjonijiet żero jew bi fjuwil alternattiv b'semikarru bi tliet fusien*** | ***46*** *tunnellata* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi stimulat l-użu ta' vetturi ZEV, l-intermodalità u biex jiżdiedu l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, filwaqt li tiġi permessa wkoll tagħbija addizzjonali, għandhom jiġu awtorizzati 44 tunnellata għal vetturi bil-mutur bi tliet fusien b'semitrejlers ta' tliet fusien u żewġ tunnellati addizzjonali għal ZEVs, bi fjuwil alternattiv jew involuti fit-trasport intermodali. Iż-żieda ġenerali għal 44 tunnellata għandha tiżgura inqas vjaġġi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.*

**Emenda 276**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 2.2.4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2.4 | Vetturi artikolati b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u semikarru b'żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semikarru: | | |
| | 2.2.4.1 | hija 1,3 m jew akbar imma mhux aktar minn 1,8 m | 36 tunnellata |
| | 2.2.4.2 | hija akbar minn 1,8 m | 36 tunnellata |
| | | Jekk jiġu rrispettati l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata) u l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-fus tandem tas-semikarru (20 tunnellata), u l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, il-piż massimu awtorizzat previst fil-punt 2.2.4.2 għandu jiżdied b'2 tunnellati. | |

| |
|---|
| Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonali tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata. |
| Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet ***2.2.1 u 2.2.2*** għandhom jiżdiedu b'4 tunnellati. |
| Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.3 u 2.2.4 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati. |

*Emenda*

<table>
<tr><td rowspan="4">2.2.4</td><td colspan="3">Vetturi artikolati b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u semikarru b'żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semikarru:</td></tr>
<tr><td>2.2.4.1</td><td>hija 1,3 m jew akbar imma mhux aktar minn 1,8 m</td><td>36 tunnellata</td></tr>
<tr><td rowspan="2">2.2.4.2</td><td>hija akbar minn 1,8 m</td><td>36 tunnellata</td></tr>
<tr><td colspan="2">Jekk jiġu rrispettati l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata) u l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-fus tandem tas-semikarru (20 tunnellata), u l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, il-piż massimu awtorizzat previst fil-punt 2.2.4.2 għandu jiżdied b'2 tunnellati.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonali tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.1b, 2.2.2b u 2.2.2d għandhom jiżdiedu b'4 tunnellati.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.3 u 2.2.4 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati.</td></tr>
</table>

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Min-naħa waħda, iż-żieda tal-piż totali b'erba' tunnellati għal vetturi b'emissjonijiet żero hija meħtieġa biex tikkumpensa għall-piż addizzjonali tagħhom u jiġi inċentivat l-użu tagħhom. Min-naħa l-oħra, dan iżid tkagħbir bl-użu fit-triq. Il-proposta hija kompromess ibbilanċjat. Billi jitħallew biss vetturi bi 3+3 fusien jittrasportaw il-piż żejjed, it-tagħbija addizzjonali tinfirex fuq fus wieħed ieħor, li jtaffi l-iżvantaġġ filwaqt li jżomm il-vantaġġi ta' trasport tal-merkanzija aktar effiċjenti.*

**Emenda 277**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – punt 2.2.4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

<table>
<tr><td rowspan="4">2.2.4</td><td colspan="3">Vetturi artikolati b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u semikarru b'żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semikarru:</td></tr>
<tr><td>2.2.4.1</td><td>hija 1,3 m jew akbar imma mhux aktar minn 1,8 m</td><td>36 tunnellata</td></tr>
<tr><td rowspan="2">2.2.4.2</td><td>hija akbar minn 1,8 m</td><td>36 tunnellata</td></tr>
<tr><td colspan="2">Jekk jiġu rrispettati l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata) u l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-fus tandem tas-semikarru (20 tunnellata), u l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, il-piż massimu awtorizzat previst fil-punt 2.2.4.2 għandu jiżdied b'2 tunnellati.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonali tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.1 u 2.2.2 għandhom jiżdiedu b'4 tunnellati.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.3 u 2.2.4 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati.</td></tr>
</table>

*Emenda*

<table>
<tr><td rowspan="4">2.2.4</td><td colspan="3">Vetturi artikolati b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u semikarru b'żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semikarru:</td></tr>
<tr><td>2.2.4.1</td><td>hija 1,3 m jew akbar imma mhux aktar minn 1,8 m</td><td>36 tunnellata</td></tr>
<tr><td rowspan="2">2.2.4.2</td><td>hija akbar minn 1,8 m</td><td>36 tunnellata</td></tr>
